PL595

MINUTI

**KUMITAT MAGĦŻUL TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI BIEX JAGĦMEL RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦAT-TITJIEB FIL-KOSTITUZZJONI TA' MALTA**
**(Riżoluzzjoni tal-Kamra Nru. 25 mgħoddija fis-Seduta tat-13 ta' Awissu 1987)**

SEDUTA NRU. 1

It-Tnejn 24 ta' Awissu 1987

1. Il-Kumitat iltaqa' fil-"Committee Room" tal-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Intern u Ġustizzja fis-7.30 p.m.

2. Membri Preżenti

   L-Onor Guido DeMarco
   Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Intern u tal-Ġustizzja (Chairman)

   L-Onor Vincent Tabone
   Ministru tal-Affarijiet Barranin (Membru)

   L-Onor Ugo Mifsud Bonnici
   Ministru tal-Edukazzjoni (Membru)

   L-Onor Dom Mintoff (Membru)

   L-Onor Joseph Cassar (Membru)

3. Konferenza Stampa

   Iċ-Chairman ta Konferenza Stampa dwar ix-xogħol u d-doveri tal-Kumitat magħżul tal-Kamra. Interventi saru wkoll mal-Perit Mintoff. Ingħataw risposti għal mistoqsijiet li għamlu il-ġurnalisti.

4. Ftehim fil-Kumitat

   Intlaħaq ftehim fil-Kumitat dwar suġġetti li kellhom jiġu riveduti bħal:

   (a) il-President
   (b) Ix-Xandir
   (c) Electoral Commission
   (d) Qrati
   (e) Użu aktar ta' Kumitati

IMQIEGĦED FUQ IL-MEJDA TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI FIL- $ 220 3/4/89
MILL- Onor Viċi PM u ministru tal Intern u gustizzja
SKRIVAN

Il-membri qablu wkoll li jekk jinholqu xi neċessitajiet ohra, dawn kellhom inkunu inklużi mas-suġġetti msemmija hawn fuq. Kollox kien inkluż u xejn eskluż.

5. Fid-9.15 p.m. iċ-Chairman aġġorna s-seduta ghal nhar it-Tlieta 22 ta' Settembru 1987 fis-7.00 p.m.

L-Onor Guido DeMarco
Chairman

MINISTERU TA'
L-INTERN U ĠUSTIZZJA

MALTA

MINISTRY OF THE
INTERIOR AND JUSTICE

*Il-Viċi Prim Ministru*

*The Deputy Prime Minister*

port ta' l-Onorevoli de Marco, Tabone u Mifsud Bonnici in konnessjoni ma ezami approfondit tar-Rapport preliminari, wara konsultazjoni.

1. <u>Il-President tar-Repubblika u l-Kunsill ta' l-Istat (6.1. R.P.)</u>

1.1 L-istruttura gdida ta' Kunsill tal-Istat presjedut mill-President tar-Repubblika u kompost ukoll mill-Prim Ministru u mill-Kap ta' l-Opposizjoni qieghdha tigi konfermata.

1.2 Il-poteri li hemm il-hsieb li jigu konferiti lill-President tar-Repubblika fl-isfond tal-paragrafi 6.1, 6.2, 6.3, tar-Rapport Preliminari, poteri esercibili fil-kontest tal-proceduri delineati fi hdan il-Kunsill tal-Istat qeghdin jigu konfermati.

1.3 Ghal dak li jirrigwarda l-isforzi li ghandhom isiru biex il-persuna eletta mill-Parlament tigi hekk eletta b'maggoranza kwalifikata ta' zewg terzi, dan qieghed jigi wkoll konfermat.
Jekk minkejja l-isforzi li jkunu saru (e.g. iktar minn elezzjoni wahda) din il-maggoranza kwalifikata ma tintlahaqx, allura l-Kamra tghaddi ghal elezzjoni ta' persuna b'risoluzjoni taghha, kif hija l-procedura llum, b'dan li l-elezzjoni ssir b'vot sigriet.
Il-raguni ghala qieghdha tigi skartata l-elezzjoni diretta mill-poplu hi principalment dovuta ghall-fatt li elezzjoni diretta bejn zewg kandidati jew izjed, flok ma ssahhah l-appogg nazzjonali li wiehed jixtieq jara wara din il-kariga, jaccentwa il-qasma tal-poplu u jirrendi l-figura tal-President, wahda ta' natura kontenzjuza u partigjana iktar sottolineata minn elezzjoni ta' risoluzjoni maggoritarja tal-Kamra. Dan qieghed jinghad ukoll konformi mal-fatt li gie ribadit fir-rapport preliminari li "ma hemm ebda hsieb li tinholoq sistema presidenzjali (jigifieri li jkun hemm President li verament ikun il-Kap li jiddetermina fl-amministrazzjoni tal-pajjiz) u li ser tibqa is-sistema ta' gvern parlamentari."

1.4 Ezaminajna l-procedura ndikata ghal "impeachment" tal-President tar-Repubblika u qeghdin nissugerixxu l-procedura indikata bhala Appendici A ".

1.5 Ghal dak li jirrigwarda n-nomina ta' Kunsillieri ta' l-Istat qieghed jigi suggerit li jissejhu Kunsillieri tar-Repubblika u dan principalment biex jigi evitat il-possibilita' ta' konfusjoni ma appartenenza lill-Kunsill ta' l-Istat, li huwa format mill-President, mill-Prim Ministru u mill-Kap ta' l-Oppozizjoni.
Huwa propost ukoll li persuni li jkunu kkontribwew fil-hajja tal-pajjiz, mhux necessarjament fil-hajja pubblika, jkunu jistghu jigu nominati Kunsillieri tar-Republika.

<u>Il-Kunsill Nazzjonali tad-Difisa (7.1.R.P.)</u>

Il-Kunsill Nazzjonali tad-Difiza kif previst fil-paragrafu 7.1. tar-Rapport Preliminari qieghed jigi konfermat.
F'dan il-Kunsill ghandu jkun inkluz il-Ministru ta' l-Intern.
Ma jidhirx opportun li s-servizzi sigrieti nazzjonali ghandhom ikunu taht ir-responsabilita tal-Kunsill Nazzjonali tad-Difisa, hlief f'sens wiesa, bhall-armata u l-pulizija.

Il-Kunsill ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja 8.1. R.P.

Is-sottoskritti semghu diversi fehmiet rigward il-kostituzjoni ta' dan l-organu mportanti tal-Istat. Diversi nies esprimew il-hsieb li z-zewg kommissjonijiet suggeriti, wiehed ghat-tmexxija tal-Qrati, u l-iehor ta' Vigilanza ghandhom jigu aboliti u tibqa biss il-Kunsill ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja.

Pero' wara hsieb maghmul jidher iktar korrett u iktar konducenti ghall-efficjenza il-koncett ta' kunsill ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja li ghandu finalitajiet u skopijiet ben definiti tal ligi, meghjun minn zewg kommissjonijiet, wiehed ghat-tmexxija tal-Qrati, intizi principalment biex jaqdi dawk is-servizz direttament responsabbli ghall-Ministeru tal-Gustizzja, u l-iehor li jirreferi ghall-Kommissjoni Vigilanza li ghandha bhala hsieb dak li jassigura mizura ta' "accountability" u tal-gudikant konformement ma' l-indipendenza tieghu fl-isvolgiment tal-funzjoni u mansjoni decisjonali tieghu.
Qieghed pero' jigi suggerit li flok rapprezentati tal-Kamra ta' l-Avukati jew tal-Kamra tal-Prokuraturi Legali, jkun avukat jew prokuratur legali elett minn fost dawk li ghandhom il-warrant li jesercitaw il-professjoni ta' avukat u prokuratur legali rispettivament.

Jidher ukoll li fil-Kommissjoni ghat-Tmexxija tal-Qrati rapprezentat wiehed tal-Prim Ministru u iehor tal-Kap ta' l-Oppozizjoni huma bizzejjed flok ma jkun hemm tnejn ghal kull wiehed.

Ix-Xandir (9.1. R.P.)

Jidher illi fil-waqt li ghandhom jigu konfermati l-principji stabbiliti fir-rapport preliminari, ghandu jkun hemm id-dritt tal-pluralizmu fix-xandir radjo/televiziv kompatibilment mal-prezenza ta' "frequences" u mal-harsien u l-osservanza tal-Kositituzzjoni u tal-ligijiet attinenti. Qieghed ghalhekk jigi propost dak li hemm indikat fl-Appendici B, annessa ma dan ir-rapport.
Fil-paragrafu li jittratta dwar il-Parlament, qieghed jigi suggerit Kumitat ghax-Xandir u Komunikazzjoni li flimkien ma' l-Awtorita tax-Xandir, jirrapprezenta kontroll addizjonali din id-darba ta' natura Parlamentari.

Il-Parlament (12.1 R.P.)

Ma' l-erbgha kumitati proposti fir-rapport preliminari (i.e. il-Kumitat ghas-Sigurta Nazzjonali, Kumitat Permanenti ghall-Infieq ta' Flus il-Poplu, il-Kumitat ghall-Affarijiet Legislattivi u Parlamentari, Kumitat ghall-Affarijiet Socjo-Ekonomiku) ghandu ikun hemm wiehed "ad hoc" ghall-Politika Estera (u ghalhekk jigi sgancjat mill-Kumitat ghas-Sigurta Nazzjonali) kif ukoll Kumitat ghax-Xandir u Telekomunikazzjoni.
Qieghed jigi suggerit li dawn il-Kumitat Permanenti jigu kosititwiti bil-mod kif qieghed jigi spjegat u bil-funzjonijiet elenkati fl-Appendici C.

/....

Li Speaker.

Ghal dak li jirrigwarda n-nomina ta'Speaker, l-esponenti jaqblu li qabel ma jigi propost persuna ghal kariga fil-Parlament, kif tipprovdi il-Kostituzjoni, ghandu jsir sforz biex in-nomina ta' Speaker tkun wahda li ghaliha jadixxu iz-zewg nahat tal-Kamra.

Fl-Appendici D, hemm propost (a) il-mod kif jigi elett li-Speaker wara li din in-nomina tigi diskussa fil-Kunsill ta' l-Istat;
(b) l-awtonomija ta' l-ufficcju ta' li speaker

Ugwaljanza bejn rgiel u nisa. (14.1. R.P.)

Biex dan jigi affermat fil-Kostituzzjoni qieghdin jigu proposti l-emendi suggeriti fl-Appendici E.

Dikjarazzjoni dwar Data ( 15.1. R.P.)

Biex jigi mhares il-privacy tac-cittadin, inkonnessjoni dwar data dwaru, qieghdha tigi suggerita l-emenda li tidher fl-Appendici F.

Festa Nazzjonali ( 16.1.R.P)

Jidher li fl-interess nazzjonali u b'rispett lejn l-istorja ta' pajjizna li tmur l'hemm minn cirkostanzi transitorji, il-valuri ta' l-Indipendenza li tghaqqad il-poplu Malti kollu ghandu jigi rikonoxxut. Ghalhekk il-Jum Nazzjonali ta' Malta ghandu jkun il-21 ta' Settembru.
Dan ma jfissirx li ma ghandhoms jkunu rispettati u mghotija rikonoxximent xieraq dati ohra li anki huma sahhew l-identitia nazzjonali u ghenu biex gabu l-quddiem il-poplu taghna.
Ghalhekk qieghed jigi suggerit l-emenda kif tidher f'Appendici G.

Drittijiet tal-Bniedem.

Biex ikomplu jissahhew id-drittijiet tal-bniedem qeghdin jigu suggeriti emendi ghall-artikolu 46 tal-Kostituzjoni, kif ukoll l-introduzzjoni ta' artikolu gdid 46A, emenda ghall-artikoli 47 u l-introduzzjoni ta' l-actio popolaris. (Ara Appendici H).

Sistema u Process Elettorali

Qieghed jigi konfermat il-fehma ta' l-esponenti dwar is-sistema proporzjonali. Ser jigi preparat abbozz ta' ligi li jirregola kemm is-sistema elettorali kif ukoll il-process elettorali.

Dawn huma il-punti principali li johorgu minn diskussjonijiet li saru wara li gie presentat ir-Rapport Prelimari, u li jirrappresentaw il-fehmiet tas-sottoskritti biex jifformaw bazi ghal diskussjoni finali f'dan il-Kumitat Maghzul.

MINUTI

KUMITAT MAGĦŻUL TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI BIEX JAGĦMEL RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦAT-TITJIEB FIL-KOSTITUZZJONI TA' MALTA

(Riżoluzzjoni tal-Kamra Nru. 25 mgħoddija fis-Seduta tat-13 ta' Awissu 1987)

SEDUTA NRU. 2

Il-Ħamis, 1 ta' Ottubru 1987

1. Il-Kumitat iltaqa' fil-"Committee Room" tal-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Intern u tal-Ġustizzja l-Onor Guido DeMarco M.P. fis-7.15 p.m.

2. Membri Preżenti

L-Onor Guido DeMarco M.P.
Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Intern u tal-Ġustizzja - Chairman

L-Onor Vincent Tabone, M.P.
Ministru tal-Affarijiet Barranin - Membru

L-Onor Ugo Mifsud Bonnici, M.P.
Ministru tal-Edukazzjoni - Membru

L-Onor Dom Mintoff, M.P. - Membru

L-Onor Joseph Cassar, M.P. - Membru

Is-Sur Paul Muscat Terribile - Segretarju

Il-Minuti ta' l-Ewwel Seduta tal-24 ta' Awissu 1987 kienu kkonfermati.

Proposti mill-Pubbliku

L-Onor Dom Mintoff, M.P., ippreżenta lista b'"summaries" ta' proposti mibgħuta mill- membri tal-pubbliku.

Il-lista kienet din.

Proposti mressqa minn:

(a) Is-Sur J Caruana
(b) Segretarju Parlamenti l-Onor Michael Refalo M.P.
(c) Sinjura M Gatt
(d) Sinjura F Debono

/...

(e) Sinjur W Zahra

(f) Segretarju Parlamentari l-Onor Joseph Fenech M.P.

(g) Sinjur Jos Cannataci

(h) Sinjur E Sapiano

L-Onor Dom Mintoff qal li sabiex jitħaffef ix-xogħol tal-Kumitat kull proposta preżentata lill-Kumitat kellha jkollha annessa magħha "summary".

Il-Membri tal-Kumitat qablu ma dan is-suġġeriment u c-Chairman informa lis-Segretarju biex dan isir.

Eżami tal-Proposti

Il-Kumitat beda jeżamina il-proposta tas-Sur Joseph Cannataci billi din il-proposa kienet meqjusa bħala l-aktar waħda novattiva.

Billi r-rakkomandazzjoni tas-Sur J Cannataci kienet titratta l-aktar l-"Freedom of Information" iċ-Chairman wera l-bżonn li jsir tibdil bis-serjeta fl-"Official Secrecies Act" fejn din il-Liġi kienet titratta fuq "State Secrets" u "State Security". Għal dan il-għan fuq proposta taċ-Chairman il-Kumitat qabel li għandhom jsiru dawn il-kuntatti:

(a) mal-Gvern Taljan billi l-Italja kienet titqies bħala stat modern;

(b) mal-Avukat Edgar Mizzi;

(c) mas-Sur J Cannataci.

2. Il-Kumitat għadda għat-tieni proposta dik ippreżentata mill-Għaqda tal-Pensjonanti.

Wara diskussjoni il-Kumitat qabel li ma kienx jinħass il-bżonn li drittijiet oħra għal pensjoni kellhom jiġu mdaħħla fil-Kostituzzjoni, imma d-drittijiet kollha li kienu jeżistu kellhom jibqgħu u ma jiżdidux.

3. Il-Kumitat imbagħad beda jeżamina il-proposta mibgħuta mill-Partit Demokratiku Malti. Iċ-Chairman informa lill-membri tal-Kumitat, li din il-proposta kellha bħala l-qofol tagħha l-użu aktar ta' "Referenda" u fuq suġġeriment tal-Onor Dom Mintoff il-Kumitat qabel li kellu jsir studju serju sabiex il-policy tal-Parlament ma jiġix mxekkel u li mill-Kostituzzjoni ma kellu jitneħħa xejn li jħalli jsir dan.

Fid-9.10pm iċ-Chairman aġġorna l-Kumitat għal nhar l-Erbgħa 21 ta' Ottubru 1987 f'nofs in-nhar.

L-Onor Guido DeMarco
Chairman

MINUTI

KUMITAT MAGHŻUL TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI BIEX JAGHMEL RAKKOMANDAZZJONIJIET GHAT-TITJIEB FIL-KOSTITUZZJONI TA' MALTA

(Riżoluzzjoni tal-Kamra Nru. 25 mghoddija fis-Seduta tat-13 ta' Awissu 1987)

SEDUTA NRU. 3

L-Erbgha 21 ta' Ottubru 1987

1. Il-Kumitat iltaqa' fil-"Committee Room" tal-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Intern u tal-Ġustizzja fl-12.00 a.m.

2. Membri Preżenti

| | | |
|---|---|---|
| L-Onor Guido DeMarco, M.P.<br>Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja | - | Chairman |
| L-Onor Vincent Tabone, M.P.<br>Ministru tal-Affarijiet Barranin | - | Membru |
| L-Onor Ugo Mifsud Bonnici, M.P.<br>Ministru tal-Edukazzjoni | - | Membru |
| L-Onor Dom Mintoff | - | Membru |
| Is-Sur Paul Muscat Terribile | - | Segretarju |

L-Onor Joseph Cassar, M.P. kien skużat.

Minuti

Minuti tat-Tieni seduta tal-Hamis 1 ta' Ottubru 1987 kienu konfermati.

Iċ-Chairman informa lill-Membri li kif kien ġie deċiż fl-ahhar laqgha huwa kien kellem lill-Avukat Edgar Mizzi sabiex dan jkun jista' jaghti l-kontribut tieghu meta jkun mehtieġ. L-Avukat Edgar Mizzi aċċetta.

Rigward l-informazzjoni li kellha tingieb fuq il-Parlament Taljan, iċ-Chairman informa lill-Membri li billi l-Ambaxxatur Taljan kien jinsab imsiefer, huwa kien avviċina lill-Sig Romano tal-Ambaxxata Taljana. Iċ-Chairman qal li huwa ma kienx sodisfatt u kien sejjer jistenna lill-Ambaxxatur Taljan għal aktar informazzjoni preċiża.

Iċ-Chairman informa lill-membri li s-Sur Cannataci kien kellmu waqt laqgħa u billi d-diskussjoni ma kienx possibbli li ssir fit-tul minħabba impenji tas-Sur Cannataci, iċ-Chairman kellu jerġa' jkellmu.

Proposti mill-Pubbliku

Matul il-ġimgħa, s-segretarju kien bagħat lill-membri lista ta' "summaries" ta' proposti oħra mibgħuta mill-pubbliku. F'din il-lista kien hemm proposti mingħand:

Is-Sur C L Farrugia
Is-Sur Lawrence Micallef
Dr Josie Muscat M.D.
Is-Sur Ian Micallef
Is-Sur Alfred Camilleri
Is-Sur Anthony Abela

Eżami ta' Proposti

Il-Kumitat imbagħad għadda għal eżami tal-Proposti. L-Onor Dom Mintoff, M.P. ippropona li l-proposti ma kellhomx jiġu eżaminati waħda,waħda imma kellu jiġi studjat dak li kien qiegħed jiġi rakkomandat wara li l-Kumitat jistabbilixxi il-ħtiġijiet preżenti tal-pajjiż.

Iċ-Chairman imbagħad ipproppona li l-Presidenza kellha tkun l-ewwel "item" ta' rivezzjoni mill-Kumitat imma l-Kumitat qabel wara proposta tal-Onor Dom Mintoff li items bħal "Broadcasting", "P.S.C.", "Electoral Commission", "Il-Qrati", l-"Ispeaker" u l-"Ombudsman" kellhom jieħdu preċidenza billi "l-item" dwar il-President kellu jinkorpora "items" minn dawn ukoll.

Kumitati Permanenti

Il-Kumitat wara diskussjoni qabel fuq proposta mill-Onor Dom Mintoff, M.P. li n-numru tal-Kumitati Permanenti ma kellomx ikunu aktar minn erba' u kull Kumitat ma kellux ikun kompost aktar minn seba' membri. Ukoll, il-Kumitati li kellhom jiġu magħtura kellhom ikunu għal:

(a) Impieg Pubbliku;

(b) Regolamenti u Legislazzjoni;

(c) Sigurta' u Difiża;

(d) Suġġett ikun li kien għadu mhux deċiż mill-Kumitat.

Fuq suġġeriment tal-Onor Dom Mintoff, M.P., il-Kumitat qabel li l-laqgħat tal-Kumitat kellhom jiżdiedu u ġie deċiż li l-Kumitat jibda jiltaqa' darbtejn fil-ġimgħa (nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis) mill-12.00 am. sas-1.30 p.m.

Fis-1.36 p.m. iċ-Chairman aġġorna għal nhar it-Tlieta 27 ta' Ottubru 1987 f'nofs in-nhar.

L-Onor Guido DeMarco
Chairman

MINUTI

KUMITAT MAGĦŻUL TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI BIEX JAGĦMEL RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦAT-TITJIEB FIL-KOSTITUZZJONI TA' MALTA

(Riżoluzzjoni tal-Kamra Nru. 25 mgħoddija fis-Seduta tat-13 ta' Awissu 1987)

SEDUTA NRU. 4

It-Tlieta 27 ta' Ottubru 1987

1. Il-Kumitat iltaqa' fil-"Committee Room" tal-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Intern u tal-Ġustizzja fl-12.15 p.m.

2. Membri Preżenti

| | | |
|---|---|---|
| L-Onor Guido DeMarco, M.P. Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja | - | Chairman |
| L-Onor Vincent Tabone, M.P. Ministru tal-Affarijiet Barranin | - | Membru |
| L-Onor Ugo Mifsud Bonnici, M.P. Ministru tal-Edukazzjoni | - | Membru |
| L-Onor Dom Mintoff, M.P. | - | Membru |
| Is-Sur Paul Muscat Terribile | - | Segretarju |

L-Onor Joseph Cassar, M.P. kien skużat.

Minuti

L-Onor Dom Mintoff M.P. ġibed l-attenzjoni għal xi korrezzjonijiet li kellhom jsiru fil-Minuti.

F'paġna tlieta taħt il-paragrafu Kumitati Permanenti (a) flok il-kliem "Impieg Pubbliku" kellu jidħol il-kliem "Infieq Pubbliku";

(b) flok il-kliem "Regolamenti u Legislazzjoni" kellhom

jidħlu l-kliem"Regolamenti (Subordinate Legislations), Leġislazzjoni (Abbozzi ta' Liġi) u Stadji ta' Kumitat meta l-Kamra hekk tiddelega".

L-Onor Dom Mintoff, M.P. irrefera għal (c) fejn qal li "l-items" "Sigurta' u Difiża" ma kellhomx jaqgħu taħt il-Kumitati Permanenti imma dawn kellhom jiġu riveduti meta l-"item" fuq il-Presidenza kien qiegħed jiġi diskuss. Dan kellu jsir għaliex "Sigurta' u Difiża" kienu "item" ta' mportanza kbira nazzjonali u kellhom jiġu amministrati minn Kummissjoni preseduta mill-President tar-Repubblika bil-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppozizzjoni bħala tnejn mill-Membri.

Kumitati Permanenti

Fuq suġġeriment tal-Onor Dom Mintoff, M.P. il-Kumitat qabel li l-ewwel kellu jiġi stabbilit liema prinċipji kellhom jkopru dawn il-Kumitati imbagħad id-dettalji kellhom jiġu stabbiliti wara.

Bħala t-tielet Kumitat Permanenti, wara proposta tal-Onor Dom Mintoff, M.P., il-Kumitat qabel li kellu jkun "Edukazzjoni u l-Qasam Soċjali" filwaqt li "Qasam Ekonomiku" kellu jkun l-isem tar-raba' Kumitat Permanenti.

IċChairman ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat li l-Kumitati Permanenti kellhom jgħinu lill-Parlament u mhux ifixkluh. L-Onor Dom Mintoff, M.P. qal li għal dan il-għan il-Membri kellhom jiddeċiedu x'kienu qegħdin jippretendu mill-Kumitati u x'poteri kienu sejrin jingħatalhom.

Numru u remunerazzjoni ta' membri tal-Kumitati Permanenti

Billi kien diġa stabbilit fis-seduta Nru 3 li n-numru tal-membri tal-Kumitati kellu jkun mhux aktar minn sebgħa, fuq proposta taċ-Chairman, il-Kumitat qabel li billi ix-xogħol tal-Kumitati Permanenti kellu jkun ta' spiss, remunerazzjoni xierqa kellha tingħata lil kull membru. Din ir-remunerazzjoni tinqasam fi tnejn, (a) dritt għal "retaining fee" kif ukoll (b) remunerazzjoni għal kull seduta.

Hatra tal-Membri tal-Kumitati Permanenti

Fuq proposta tal-Onor Dom Mintoff M.P., il-Kumitat qabel li l-membri tal-Kumitati meta jkunu maħtura ma jkunux jistgħu jitneħħew mill-kariga tagħhom ħlief mill-Parlament f'maġġoranza ta' żewġ terzi.

Wara diskussjoni, fuq proposta tac-Chairman, il-Kumitat qabel li dwar "il-poteri u terms of reference" tal-Kumitati l-Avukat Edgar Mizzi kellu jiġi avviċinat sabiex jagħti l-pariri tiegħu u jekk ikun meħtieġ jlesti rapporti.

Fis-1.40 p.m. il-Kumitat aġġorna għal nhar il-Hamis fl-12.00 am.

L-Onor Guido DeMarco
Chairman

MINUTI

KUMITAT MAGHŻUL TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI BIEX JAGHMEL RAKKOMANDAZZJONIJIET GHAT-TITJIEB FIL-KOSTITUZZJONI TA' MALTA

(Riżoluzzjoni tal-Kamra Nru. 25 mghoddija fis-Seduta tat-13 ta' Awissu 1987)

SEDUTA NRU. 5

Il-Hamis 29 ta' Ottubru 1987

1. Il-Kumitat iltaqa' fil-"Committee Room" tal-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Intern u tal-Ġustizzja fl-12.30 p.m.

2. Membri Preżżenti

| | | |
|---|---|---|
| L-Onor Guido DeMarco, M.P. Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja | - | Chairman |
| L-Onor Vincent Tabone, M.P. Ministru tal-Affarijiet Barranin | - | Membru |
| L-Onor Ugo Mifsud Bonnici, M.P. Ministru tal-Edukazzjoni | - | Membru |
| L-Onor Dom Mintoff, M.P. | - | Membru |
| Is-Sur Paul Muscat Terribile | - | Segretarju |

L-Onor Joseph Cassar, M.P., kien skużat.

Minuti

L-Onor Dom Mintoff, M.P. ġibed l-attenzjoni ghal xi korrezzjoni li kellha ssir fil-minuti.

F'paġna tnejn taħt it-titolu minuti il-kliem fl-aħħar paragrafu kellu jiġi mħassar u minflok jidħol dan: "L-Onor Dom Mintoff, M.P. irrefera għal (c) fejn qal li l-items "Sigurta Difiza u qasam Barrani" ma kellhomx jaqgħu taħt il-Kumitati Permanenti imma kellha tinħatar kummissjoni preseduta mill-President tar-Repubblika bil-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppozizzjoni bħala tnejn mill-membri tagħha sabiex tkun tista' tagħti aktar kontrol demokratiku biex tissaħħaħ il-Kostituzzjoni."

Kumitati Permanenti

L-Onor Dom Mintoff qal li mhux biżżejjed li jinħatru l-Kumitati imma kellu jinstab il-post fejn kellhom jiltaqgħu dawn il-Kumitati. Anke il-ħin ta' meta kellhom jiltaqgħu dawn il-Kumitati kellu jiġi stabbilit, kompla jgħid l-Onor Dom Mintoff.

Sistema Elettorali

L-Onor Dom Mintoff M.P., irrefera għas-sistema elettorali u rapprezentanza fil-Parlament. Huwa qal li l-partiti ż-żgħar jieħdu n-nifs u jkollhom forza kbira meta l-Partiti l-kbar ma jkunux serji.

Il-Membri tal-Kumitat kellhom jistudjaw u jaraw kif kellhom ikunu t-tibdiliet u kif kienu sejrin jolqtu l-Partiti.

Fis-1.45 p.m. il-Kumitat aġġorna għal nhar it-Tlieta, 3 ta' Novembru 1987 fl-12.00 am.

L-Onor Guido DeMarco
Chairman

Summaries of suggestions submitted by the General Public for drafting amendments to the Malta Constitution.

---

GRIMA V - Bidla fil-liġijiet elettorali - jitneħħew id-distretti u n-nominazzjonijiet tal-Kandidati - tivvota għal Partit politiku li trid.

Vantaġġi - tithaffef is-sistema elettorali
- jitneħħew il-piki u spejjes li jsiru mill-Kandidati
- l-għażla tal-kandidati għandha tithalla għall-Partiti.

PORSELLA FLORES J -

- Is-sovranita tal-Kostituzzjoni u l-użu ta' referenda
- Il-President u karigi ġodda ma għandux jsir "Executive President" Hatra ta' Aġent President
- Offiċi tal-Kamra
- Impjegati civili mhux professjonali bħala Kandidati tal-Parlament
- Is-Segretarji Permanenti
- Elezzjonijiet - is-sistema proporzjonali għandha tibqa.

MINUTI

KUMITAT MAGĦŻUL TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI BIEX JAGĦMEL RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦAT-TITJIEB FIL-KOSTITUZZJONI TA' MALTA

(Riżoluzzjoni tal-Kamra Nru. 25 mgħoddija fis-Seduta tat-13 ta' Awissu 1987)

SEDUTA NRU. 6

It-Tlieta, 3 ta' Novembru, 1987

1. Il-Kumitat iltaqa' fil-"Committee Room" tal-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Intern u tal-Ġustizzja fl-12.07 p.m.

2. Membri Preżenti

| | | |
|---|---|---|
| L-Onor Guido DeMarco, M.P. Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja | - | Chairman |
| L-Onor Vincent Tabone, M.P. Ministru tal-Affarijiet Barranin | - | Membru |
| L-Onor Ugo Mifsud Bonnici, M.P. Ministru ta' l-Edukazzjoni | - | Membru |
| L-Onor Dom Mintoff, M.P. | - | Membru |
| L-Onor Joseph Cassar, M.P. | - | Membru |
| Is-Sur Paul Muscat Terribile | - | Segretarju |

Minuti

Fuq proposta taċ-Chairman il-Kumitat qabel li d-deċiżjonijiet biss li jittieħdu fil-Kumitat kellhom jitniżżlu fil-Minuti.

## Kummissjoni Elettorali u s-Sistema Elettorali

### KUMMISSJONI ELETTORALI

Ic-Chairman qara Abbozz ta' Liġi mħejji mill-Avukat Edgar Mizzi dwar il-Kumissjoni Elettorali, konsultazzjonijiet, ħatriet ta' Kummissjonarju Prinċipali u Kummissjonarji. Dawn il-proposti ġew suġġeriti minn-naħa tal-Gvern. Għan-naħa ta' l-oppożizzjoni l-Onor. Dom Mintoff qal li dawn eventwalment jistgħu jiffurmaw parti mill-pakkett li jiġi eżaminat. Minn-naħa tal-oppożizzjoni kompla jgħid l-Onor. Dom Mintoff ma hemm ebda ħrara għal dawn it-tibdiliet fil-Kostituzzjoni.

### SISTEMA ELETTORALI

Dwar is-Sistema proporzjonali, il-Kwota nazzjonali u it-"treshold" il-Kumitat qabel li rappreżentanti tal-Gvern jissottomettu il-veduti tiegħu aktar dettaljati.

### PROPOSTI OĦRA

Dwar proposti oħra l-Onor. Dom Mintoff qal li f'xi seduta oħra n-naħa tal-Oppożizzjoni kellhom iressqu proposti skond il-programm elettorali tagħhom.

Il-Kumitat qabel li l-Kumitat kellu jiddiskuti l-item dwar il-president fis-Seduta li jmiss.

Fis-1.45 p.m. il-Kumitat aġġorna għal nhar il-Ħamis, 5 ta' Novembru 1987 fl-12.00 a.m.

L-Onor Guido DeMarco
Chairman

MINUTI

KUMITAT MAGHŻUL TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI BIEX JAGĦMEL RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦAT-TITJIEB FIL-KOSTITUZZJONI TA' MALTA

(Riżoluzzjoni tal-Kamra Nru. 25 mgħoddija fis-Seduta tat-13 ta' Awissu, 1987)

SEDUTA NRU. 7

Il-Ħamis 5 ta' Novembru, 1987

1. Il-Kumitat iltaqa' fil-"Committee Room" tal-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Intern u tal-Ġustizzja fl-12.23 p.m.

2. Membri Preżenti

| | | |
|---|---|---|
| L-Onor Guido DeMarco, M.P. Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja | - | Chairman |
| L-Onor Ugo Mifsud Bonnici Ministru ta' l-Edukazzjoni | - | Membru |
| L-Onor Dom Mintoff | - | Membru |
| L-Onor Joseph Cassar | - | Membru |
| Is-Sur Paul Muscat Terribile | - | Segretarju |

L-Onor Vincent Tabone, Ministru ta' l-Affarijiet Barranin, kien skużat.

Il-President

Ic-Chairman għal Gvern u l-Onor Joseph Cassar, M.P., għall-Oppożozzjoni qraw mir-rispettivi programmi elettorali tagħhom il-veduti dwar it-tibdiliet fis-sistema elettorali u poteri tal-President.

(a) Kummissjoni elettorali

Dwar il-Kummissjoni Elettorali il-Kumitat qabel li kien jidher li kien hemm diġa' ftehim li l-Kummissjoni kellha tkun komposta nofsha minn nies suġġeriti mill-Gvern u n-nofs l-iehor mill-Oppożizzjoni. Meta għal hatra tal-Kummissjonarju Elettorali Principali ma kienx ikun hemm qbil bejn il-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni il-President kellu jintervjeni u wara li jistudja l-każ il-hatra jagħmila hu.

(b) Klawżola Ġdida

L-Onor. Dom Mintoff ippropona li għandha ssir klawżola ġdida li meta jkun hemm aktar minn Partit wiehed fl-Oppożizzjoni jew fil-Gvern, il-President kellu d-dritt li jassigura ruhu li dak li jsir kemm jista' jkun jirrifletti l-fehmiet tal-partiti kollha li jkun hemm fil-Gvern sew fl-Oppożizzjoni.

(c) Staff tal-President u Korpi Indipendenti

Fuq mozzjoni taċ-Chairman il-Kumitat irreġistra qbil li billi din il-kwistjoni tal-istaff tal-President kienet problema delikata u kbira u kienet komuni għal Korpi Indipendenti kollha, il-Kumitat studja l-vantaġġi u żvantaġġi kif din il-problema kellha tiġi risolta imma id-deċiżjoni kellha tiġi posposta għal darb'ohra wara aktar stharriġ.

Fis-1.45 p.m. il-Kumitat aġġorna għal nhar it-Tlieta, 10 ta' Novembru, 1987 fl-12.00 a.m.

L-Onor Guido DeMarco
Chairman

MINUTI

KUMITAT MAGĦŻUL TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI BIEX JAGĦMEL RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦAT-TITJIEB FIL-KOSTITUZZJONI TA' MALTA

(Riżoluzzjoni tal-Kamra Nru.25 mgħoddija fis-Seduta tat-13 ta' Awissu, 1987)

SEDUTA NRU. 8

It-Tlieta, 10 ta' Novembru, 1987

1. Il-Kumitat iltaqa' fil-"Committee Room" tal-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Intern u tal-Ġustizzja fl-12.00 a.m.

2. Membri Preżenti

| | | |
|---|---|---|
| L-Onor. Guido DeMarco M.P.<br>Viċi Prim Ministru u Ministru ta' L-Intern u tal-Ġustizzja | - | Chairman |
| L-Onor. Vincent Tabone M.P.<br>Ministru ta' L-Affarijiet Barranin | - | Membru |
| L-Onor. Ugo Mifsud Bonnici M.P.<br>Ministru ta' l-Edukazzjoni | - | Membru |
| L-Onor. Dom Mintoff M.P. | - | Membru |
| L-Onor. Joseph Cassar M.P. | - | Membru |
| Is-Sur Paul Muscat Terribile | - | Segretarju |

Minuti

Il-Minuti kif "redrafted" kienu konfermati.

Il-Qrati

L-Onor. Dom Mintoff M.P. semma li kien jeżisti l-bżonn għar-riforma fil-Qrati minħabba l-intoppi li kienu jeżistu. Wara diskussjoni il-Kumitat irreġistra li għandu jkun hemm xi forma ta' "accountability" lejn xi awtorita' bħal presidenza mingħajr ma ssir amministrazzjoni diretta sabiex ċerti preġudizzji jitneħħew.

Fis-1.45 p.m. il-Kumitat aġġorna għal nhar il-Ħamis, 12 ta' Novembru, 1987 fil-11.30 a.m.

L-Onor Guido DeMarco
Chairman

MINUTI

KUMITAT MAGĦŻUL TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI BIEX JAGĦMEL RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦAT-TITJIEB FIL-KOSTITUZZJONI TA' MALTA

(Riżoluzzjoni tal-Kamra Nru. 25 mgħoddija fis-Seduta tat-13 ta' Awissu 1987)

SEDUTA NRU. 9

Il-Ħamis 12 ta' Novembru 1987

1. Il-Kumitat iltaqa' fil-"Committee Room" tal-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Intern u tal-Ġustizzja fil-11.35 a.m.

2. Membri Preżenti

| | | |
|---|---|---|
| L-Onor Guido DeMarco, M.P. Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja | - | Chairman |
| L-Onor Ugo Mifsud Bonnici, M.P. Ministru tal-Edukazzjoni | - | Membru |
| L-Onor Dom Mintoff, M.P. | - | Membru |
| L-Onor Joseph Cassar, M.P. | - | Membru |
| Is-Sur Paul Muscat Terribile | - | Segretarju |

L-Onor Vincent Tabone, M.P., Ministru ta' l-Affarijiet Barranin kien skużat.

Minuti

Il-Minuti tas-Seduta Nru 8 tal-10 ta' Novembru 1987 kienu konfermati.

Il-Qrati

Billi fis-seduta ta' qabel kienet bdiet diskussjoni fuq l-effiċjenza minbarra l-"Accountability" tal-imħalfin, il-Kumitat kompla d-diskussjoni fuq dan is-suġġett tal-

Ġudikatura; kif ukoll dwar "streaming" fis-Servizz Pubbliku sabiex ikun jista' jaqdi dmirijiet ta'
(a) Amministrazzjoni Ġenerali u Enti Indipendenti;
(b) Amministrazzjoni Ġenerali biss.

Iċ-Chairman qara Abbozz ta' Liġi mħejji minnu u mill-Avukat Edgar Mizzi dwar twaqqif ta' Kunsil ta' Amministrazzjoni tal-Ġustizzja. Dan il-Kunsil kellu jkun magħmul mill-President tar-Repubblika, mill-Prim Imħallef, mill-Ministru tal-Ġustizzja, minn mħallef magħżul mill-Imħalfin, mill-Avukat Ġenerali tar-Repubblika, mill-Maġistrat Anzjan tal-Qrati Inferjuri, mill-President tal-Kamra tal-Avukati, Avukat jew Prokoratur Legali maħtur mill-professjoni legali u żewġ membri magħżulin wieħed mill-Prim Ministru u l-ieħor mill-Kap tal-Oppozizzjoni.

<u>"Accountability" u "Efficiency"</u>

L-Onor Dom Mintoff, M.P. qal li sabiex nistgħu nsibu soluzzjoni tal-problema tal-Qrati din aħjar tinqasam fi tnejn:

(a) li tirrigwarda l-Effiċjenza tal-Amministrazzjoni vera u proprja tal-Qrati;

(b) li tirrigwarda l-Accountability tal-Imħalfin innfushom fil-qadi tal-funzzjonijiet tagħhom purament ġudizzjarju.

Rigward l-effiċjenza Dom Mintoff kompla jgħid li din aħjar tinqasam ukoll fi tnejn.

Għal dak li għandu x'jaqsam mal-amministrazzjoni tal-Qrati, għandu jinħoloq kumitat li jkun magħmul minn rappresentant kemm jista' jkun ugwali bejn il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Ġudikatura, pero' f'dan il-Kumitat għandu jkun rapprezentant il-pubbliku.

Pero' biex tiġi segwita l-amministrazzjoni tal-Qorti f'din li hija "day to day" business dan il-Kumitat għandu joħloq sub-committee tiegħu li jkollu l-istess rapprezentanza tal-Kumitat innifsu mingħajr ma jkunu bilfors l-istess persuni. Dan is-sub-committee għandu jiltaqa' regolarmenti (kull ħmistax) biex ikun jista' jsegwi aħjar u kontinwament l-amministrazzjoni ta' kuljum tal-Qrati. Dan is-sub-committee għandu jirraporta lill-Kumitat regolarment kif ukoll kull meta tinħass il-ħtieġa fuq kwistjonijiet li jistgħu jinqalgħu.

Rigward l-accountability dan għandu jkun iffurmat mill-Prim Ministru u l-Kap ta' l-Oppozizzjoni u presedut mill-President tar-Repubblika. Dan jkun responsabbli għall-kondotta tal-Imħalfin u Maġistrati fil-qadi ta' dmirijiethom bħala ġudikanti mingħajr ma jinterferixxi imparzjalita u l-indipendenza tagħhom.

Dan il-Kumitat jkun jista' jircievi petizzjonijiet mill-Parlament għat-tneħħija ta' Imħallef jew Maġistrat għar-raġunijiet ta' inkapaċita minħabba saħħa jew ir-raġunijiet oħra jew minħabba "misbehaviour". Dan il-Kumitat wara li jkun għarbel bir-reqqa il-fatti u r-raġunijiet li jkunu miġjuba f'din il-petizzjoni għandu jibgħat lura lill-Parlament ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu.

L-Onor Guido DeMarco
Chairman

MINUTI

KUMITAT MAGHŻUL TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI BIEX JAGHMEL RAKKOMANDAZZJONIJIET GHAT-TITJIEB FIL-KOSTITUZZJONI TA' MALTA

(Rizoluzzjoni tal-Kamra Nru. 25 mghoddija fis-Seduta tat-13 ta' Awissu 1987)

SEDUTA NRU. 10

It-Tlieta 17 ta' Novembru 1987.

1. Il-Kumitat iltaqa' fil-"Committee Room" tal-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Intern u tal-Ġustizzja l-Onor Guido DeMarco M.P. fil-12.15 p.m.

2. Membri Preżenti

| | | |
|---|---|---|
| L-Onor Guido DeMarco M.P. Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja | - | Chairman |
| L-Onor Vincent Tabone, M.P. Ministru tal-Affarijiet Barranin | - | Membru |
| L-Onor Ugo Mifsud Bonnici, M.P. Ministru tal-Edukazzjoni | - | Membru |
| L-Onor Dom Mintoff, M.P. | - | Membru |
| L-Onor Joseph Cassar, M.P. | - | Membru |
| Is-Sur Paul Muscat Terribile | - | Segretarju |

Minuti

Il-minuti tas-Seduta Nru. 9 tat-12 ta' Novembru 1987 kienu konfermati.

Il-Qrati

Iċ-Chairman qal li fil-Kostituzzjonijiet Spanjoli u Taljani hemm stipulat li ghandu jkun hemm "Working Committees" u wiehed minn dawn il-"Working Committees" kien dwar id-dixxiplina

fuq il-maġistrati. Fis-seduta ta' qabel il-Kumitat kien qabel li għandu jkun hemm xi forma ta' dixxiplina. Iċ-Chairman qal, u l-Kumitat qabel li b'dixxiplina ma kienx qiegħed jifhem b'dixxiplina fuq il-Ġudikatura għal dak li jirrigwarda l-Ġudizju tagħha imma għal dixxiplina fuq mezzi ta' amministrazzjoni.

Ħatriet ta' Mħallfin

Il-Kumitat qabel ukoll li dwar ħatriet ta' mħallfin kellu jkun hemm lista ta' nominazzjonijiet magħmula mill-Prim Ministru u l-Kap ta' l-Oppozizzjoni u li l-President jara li dawn qegħdin jaqblu, u li din il-lista tiġi sottomessa lill-Kumitat. Iċ-Chairman qal li għal dan ir-rigward huwa kien lest biex iġib "text" f'xi seduta oħra.

Il-President

L-Onor Dom Mintoff qal li sabiex tissaħħaħ id-demokrazija, l-aktar affarijiet vitali kienu "Law and order", is-"Security of the State" u "Sedition" li jekk il-makkinarju għal "safeguards" għal dawn l-affarijiet ma jaħdimx, il-President kellu jkollu l-aħħar kelma.

Fis-1.35 p.m. iċ-Chairman aġġorna l-Kumitat għal nhar il-Ħamis 19 ta' Novembru 1987.

L-Onor Guido Demarco
Chairman

Draft

MINUTI

KUMITAT MAGHŻUL TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI BIEX JAGHMEL RAKKOMANDAZZJONIJIET GHAT-TITJIEB FIL-KOSTITUZZJONI TA' MALTA

(Riżoluzzjoni tal-Kamra Nru 25 mgħoddija fis-Seduta tat-13 ta' Awissu 1987)

SEDUTA NRU 11

Il-Hamis 19 ta' Novembru 1987

1. Il-Kumitat iltaqa' fil-"Committee Room" tal-Viċi Prim Ministru u Ministr tal-Intern u tal-Ġustizzja, l-Onor Guido Demarco, M.P., fl-12.00am.

2. Membri Preżenti

| | | |
|---|---|---|
| L-Onor Guido Demarco, M.P.<br>Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja | - | Chairman |
| L-Onor Vincent Tabone, M.P.<br>Ministru ta' l-Affarijiet Barranin | - | Membru |
| L-Onor Ugo Mifsud Bonnici, M.P.<br>Ministru tal-Edukazzjoni | - | Membru |
| L-Onor Dom Mintoff, M.P. | - | Membru |
| L-Onor Joseph Cassar, M.P. | - | Membru |
| Is-Sur Paul Muscat Terribile | - | Segretarju |

"Accountability" u Effiċjenza

Ic-Chairman ta u qara lill-Kumitat siltiet dwar proċeduri u dixxiplina fuq Imħallfin. Saret diskussjoni fuq dan is-suġġett u l-Kumitat kien inklinat li jsiru aktar stħarriġ u studju qabel ma tintlaħaq deċizzjoni.

Elezzjoni tal-President

Il-Kumitat iddiskuta dwar l-elezzjoni tal-President. Donnu kien jinsab consensus li l-elezzjoni tal-President kellha tkun b'żewġ terzi tal-Kamra. Jekk dan ma jkunx jista' jsehh, elezzjoni mill-elettorat kellha tkun alternattiva. Il-Kumitat studja l-każ meta l-elezzjoni għal President kelliex tkun b'żewġ terzi tal-Kamra u konferma mill-elettoral. Il-Kumitat qabel li deċizzjoni fuq dan is-suġġett kellha tittiehed mill-Kumitat wara l-membri kollha tal-Kumitat ikollhom aktar konsultazzjoni mal-Partiti tagħhom.

Il-Kumitat ikkonsidra wkoll xi ħatriet fuq xi kunsil ta' Stat jew kummissjonijiet oħra ta' nies li kienu servew lill-Istat bħala Presidenti.

President u Emerġenza

Il-Kumitat iddiskuta is-suġġett ta' emerġenza u l-makkinarju li għandu jiffunzjona u jkun hemm meta dan jinqala. L-Onor Dom Mintoff, M.P. qal li jkunx possibbli li l-makkinarju li jgħin lill-President fuq ħwejjeġ oħra kellux jintuża anke meta tinqala emergenza. Il-Kumitat qabel dwar dan.

Fis-1.40 p.m. il-Kumitat aġġorna għal nhar it-Tlieta, 24 ta' Novembru 1987.

L-Onor Guido Demarco
Chairman

MINUTI

KUMITAT MAGĦŻUL TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI BIEX JAGĦMEL RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦAT-TITJIEB FIL-KOSTITUZZJONI TA' MALTA

(Riżoluzzjoni tal-Kamra Nru 25 mgħoddija fis-Seduta tat-13 ta' Awissu 1987)

Seduta Nru 12

It-Tlieta 24 ta' Novembru 1987

1. Il-Kumitat iltaqa' fil-Committee Room tal-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Intern u tal-Ġustizzja, l-Onor Guido DeMarco M.P. fl-12.20 p.m.

2. Membri Preżenti

| | | |
|---|---|---|
| L-Onor Guido DeMarco, M.P.<br>Viċi Prim Ministru u<br>Ministru ta' l-Intern<br>u tal-Ġustizzja | - | Chairman |
| L-Onor Vincent Tabone, M.P.<br>Ministru ta' l-Affarijiet<br>Barranin | - | Membru |
| L-Onor Ugo Mifsud Bonnici, M.P.<br>Ministru ta' l-Edukazzjoni | - | Membru |
| L-Onor Dom Mintoff, M.P. | - | Membru |
| L-Onor Joe Cassar M.P. | | Membru |
| Is-Sur Paul Muscat Terribile | - | Segretarju |

Ic-Chairman informa lill-Kumitat li l-Avukat Edgar Mizzi kien lesta Abbozz ta' Liġi dwar il-Ġudikatura.

Mr Speaker

Il-Kumitat qabel li l-pożizzjoni ta' l-Ispeaker kellha tissaħħaħ u l-Kumitat iddiskuta kif kellha ssir il-ħatra ta' Mr Speaker u l-istatus li kellu jokkupa fil-pajjiż. Il-Kumitat iddiskuta wkoll il-prattiċita' li Mr Speaker ikun jista' jagħmila ta' Acting President fl-assenza tal-President tar-Repubblika. Il-Kumitat iddiskuta wkoll

il-fatt li Mr Speaker kellu jkun persuna newtrali sabiex ikun aktar jista' jgawdi l-fiduċja tal-Gvern u l-Oppozizzjoni u ma jkunx dipendenti minn xi naħa waħda. Diskussjoni saret wkoll dwar il-ħatra tad-~~Deputy~~ Speaker li sakemm ma jkunx intlaħaq qbiel bejn iż-żewġ naħat tal-Kamra dwar il-ħatra ta' Mr Speaker kellu jippresjedi hu.

Fis-1.30 p.m. il-Kumitat aġġorna għal nhar il-Ħamis 26 ta' Novembru 1987 fil-11.30 a.m.

L-Onor Guido DeMarco
Chairman

MINUTI

KUMITAT MAGĦŻUL TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI BIEX JAGĦMEL RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦAT-TITJIEB FIL-KOSTITUZZJONI TA' MALTA

(Riżoluzzjoni tal-Kamra Nru 25 mgħoddija fis-Seduta tat-13 ta' Awissu 1987)

Seduta Nru 13

Il-Ħamis 26 ta' Novembru 1987

1. Il-Kumitat iltaqa' fil-Committee Room tal-Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja, l-Onor Guido DeMarco, M.P. fis-12.45 p.m.

2. Membri Preżenti

| | | |
|---|---|---|
| L-Onor Guido DeMarco, M.P. Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja | - | Chairman |
| L-Onor Ugo Mifsud Bonnici, M.P. Ministru ta' l-Edukazzjoni | - | Membru |
| L-Onor Dom Mintoff, M.P. | - | Membru |
| L-Onor Joe Cassar, M.P. | - | Membru |
| Is-Sur Paul Muscat Terribile | - | Segretarju |

L-Onor Vincent Tabone, M.P. kien skużat.

Il-Minuti tas-Seduta tal-24 ta' Novembru 1987 kienu konfermati.

Kunsill ta' l-Istat

L-Onor Dom Mintoff qal li l-Kunsill ta' l-Istat kellu jkun magħmul minn nies li kienu jokkupaw pożizzjoni prominenti fit-treġija tal-pajjiż. Dawn il-kunsulieri ma kienx ikollhom vot.

Il-Kumitat iddiskuta wkoll dwar il-Kunsill ta' Difiża Nazzjonali u li f'dan il-Kunsill kellu jkun hemm il-Prim Ministru u l-Kap ta' l-Oppożizzjoni. Il-Kumitat iddiskuta il-poteri u l-makkinarju li kellu jkollu dan il-Kunsill sabiex jgħin lill-President fil-qadi tad-doveri tiegħu u li barra l-Prim Ministru u l-Kap ta' l-Oppożizzjoni forsi wieħed kien jista' jinkludi il-Ministru ta' l-Intern u l-kap tad-Difiża. Dawn kienu jistgħu jiġu konsultati mill-President meta l-okkazzjoni tqum.

Ic-Chairman qal li kien sejjer jitkellem ma' l-Avukat Edgar Mizzi dwar il-Kunsill ta' l-Istat.

L-Onor Dom Mintoff, M.P. qal li jidher li kien hemm qbil dwar il-ħatra ta' President fejn il-President kellu jinħatar b'żewġ terzi tal-Kamra jew mill-poplu. Il-President kellu jkun il-"last resort" fuq affarijiet li l-partiti politiċi jkunu jridu jkunu "above party politics", imma r-risponsabilita kellha tkun fuq il-Prim Ministru u l-Kap ta' l-Oppożizzjoni. L-Onor Dom Mintoff, M.P. qal ukoll li diskussjonijiet saru ukoll dwar poteri għal President, il-Ġudikatura, il-"Broadcasting" u l-Kummissjoni Elettorali.

Fuq proposta ta' l-Onor Dom Mintoff, M.P., il-Kumitat qabel li s-Segretarju kellu jipprepara għal membri tal-Kumitat tgħarif fil-qosor dwar is-suġġetti li ġew diskussi.

Ic-Chairman qal li kien sejjer jikkontatta lill-Avukat Edgar Mizzi dwar dawn l-affarijiet.

Fis-1.45 p.m. il-Kumitat aġġorna għal nhar il-Ħamis, 3 ta' Diċembru 1987.

L-Onor Guido DeMarco
Chairman

MINUTI

KUMITAT MAGĦŻUL TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI BIEX JAGĦMEL RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦAT?TITJIEB FIL-KOSTITUZZJONI TA' MALTA

(Riżoluzzjoni tal-Kamra Nru 25 mgħoddija fis-Seduta tat-13 ta' Awissu 1987)

Seduta Nru. 14

Il-Ħamis, 3 ta' Diċembru, 1987

1. Il-Kumitat iltaqa' fil-Committee Room tal-Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja, l-Onor. Guido DeMarco, M.P. fis-12.49 p.m.

2. Membri Preżenti

| | | |
|---|---|---|
| L-Onor Guido DeMarco, M.P. Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja | - | Chairman |
| L-Onor Vincent Tabone, M.P. Ministru ta' l-Affarijiet Barranin | - | Membru |
| L-Onor Ugo Mifsud Bonnici, M.P. Ministru ta' l-Edukazzjoni | - | Membru |
| L-Onor Dom Mintoff, M.P. | - | Membru |
| L-Onor Joe Cassar, M.P. | - | Membru |
| Is-Sur Paul Muscat Terribile | - | Segretarju |

Il-minuti tas-Seduta Nru 13 kienu konfermati

Kunsill ta' Stat

Iċ-Chairman informa lill-membri li l-Avukat Edgar Mizzi kien ippreppara abbozz ta' liġi rigward il-kunċett ta' kunsulieri ta' l-istat u l-Kunsill ta' l-Istat u kompla jitkellem dwar il-kompożizzjoni tal-Kunsill ta' l-Istat. Dan kellu jkun

ifformat mill-President tar-Repubblika, mill-Prim Ministru u mill-Kap tal-Oppożizzjoni u żewġ membri oħra nominati mill-Gvern u tnejn mill-Oppożizzjoni barra l-kunsulieri ta' l-Istat. Iċ-Chairman spjega d-differenza bejn il-Kunsill ta' l-Istat u l-Kunsill tal-amministrazzjoni tal-Ġustizzja. Billi l-Kunsill ta' l-Istat ma kienx jidhol fuq il-Kunsill ta' l-amministrazzjoni tal-Ġustizzja iċ-Chairman fakkar dwar x'kien intqal f'seduti ta' qabel dwar il-kariga u l-poteri tal-President fil-kuntest tal-Kunsill ta' l-Istat, u x'kien intqal dwar il-Kunsill ta' l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja u l-ħatriet ta' l-Imħallfin.

## Kontrol u Dixxiplina fuq il-Ġudikatura

L'Onor Dom Mintoff qal li meta żbalji ta' Ġudikant jkunu ta' gravita tali li kienet tista' tammonta għal sfiduċja fl-istess Ġudikant, il-Kunsill ta' l-Istat kellu jindaħal. Pero' sabiex jintlaħaq l-għan li titjieb l-amministrazzjoni tal-Ġustizzja xi forma ta' dixxiplina ordinarja kellha tiġi stabbilita għal dawk li huma żbalji ta' traskuraġni jew żbalji ġenwini. F'dawn il-każijiet kellu jindaħal il-Kunsill għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja.

## Kompożizzjoni tal-Kunsill għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja

L-Onor Dom Mintoff qal illi rigward il-kompożizzjoni tal-Kunsill ta' l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, barra l-President tar-Repubblika, il-Prim Ministru, il-Kap ta' l-Oppożizzjoni u l-Ministru tal-Ġustizzja, terz minnu kellu jiġi nominat mill-Parlament u dana bl-obligu li jirraporta lura lill-Parlament kull tant żmien. Iż-żewġ terzi l-oħra kellhom jkunu rappreżentanti tal-Ġudikatura.

Fis-2.00 p.m. il-Kumitat aġġorna għal nhar il-Ħamis, 10 ta' Diċembru, 1987.

L-Onor Guido DeMarco
Chairman

MINUTI

KUMITAT MAGHŻUL TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI BIEX JAGĦMEL RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦAT-TITJIEB FIL-KOSTITUZZJONI TA' MALTA

(Riżoluzzjoni tal-Kamra Nru 25 mgħoddija fis-Seduta tat-13 ta' Awissu 1987)

Seduta Nru 15

Il-Ġimgħa, 11 ta' Diċembru 1987

1. Il-Kumitat iltaqa' fil-Committee Room tal-Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja, l-Onor Guido DeMarco, M.P., fil-12.01 p.m.

2. Membri Preżenti

| | | |
|---|---|---|
| L-Onor Guido DeMarco, M.P.<br>Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja | - | Chairman |
| L-Onor Vincent Tabone, M.P.<br>Ministru ta' l-Affarijiet Barranin | - | Membru |
| L-Onor Ugo Mifsud Bonnici, M.P.<br>Ministru ta' l-Edukazzjoni | - | Membru |
| L-Onor Dom Mintoff, M.P. | - | Membru |
| L-Onor Joseph Cassar, M.P. | - | Membru |
| Is-Sur Paul Muscat Terribile | - | Segretarju |

Il-minuti tas-Seduta tat-3 ta' Diċembru 1987 kienu konfermati.

Kunsill ta' Difiża

Il-Kumitat kompla jiddiskuti il-funzjonijiet tal-President fil-Kunsill ta' Difiża u billi donnu kien hemm ftehim li l-Kunsill tad-Difiża kien sejjer ikun fuq l-istess linji tal-Kunsill ta' l-Istat Taljan, iċ-Chairman issuġerixxa li jintbagħat l-Avukat Edgar Mizzi l-Italja biex jistudja u jirraporta il-format u l-funzjonijiet ta' Kunsill ta' l-Istat Taljan. L-Onor Dom Mintoff, M.P. issuġerixxa li kieku tkun aħjar li jiġi mistieden xi ħadd mill-Italja li huwa awtorita' f'dan is-suġġett.

Tnehhija ta' Ministru

Il-Kumitat iddiskuta wkoll it-tnehhija ta' Ministru meta dan ma kienx qieghed jaqdi d-dmirijiet tieghu. F'dan il-kontest il-Kumitat iddiskuta il-poteri tal-President rigward it-tkeċċija ta' Ministru fuq każi ta' korruzzjoni u nuqqasijiet bhal dawn.

Fis-1.30 p.m. il-Kumitat aġġorna ghal nhar it-Tlieta, 15 ta' Diċembru, 1987 fil-11.30 p.m.

L-Onor Guido DeMarco, M.P.
Chairman

MINUTI

KUMITAT MAGHŻUL TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI BIEX JAGHMEL RAKKOMANDAZZJONIJIET GHAT-TITJIEB FIL-KOSTITUZZJONI TA' MALTA

(Riżoluzzjoni tal-Kamra Nru 25 mghoddija fis-Seduta tat-13 ta' Awissu 1987)

Seduta Nru 16

It-Tlieta, 15 ta' Diċembru, 1987

1. Il-Kumitat iltaqa fil-Committee Room tal-Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja, l-Onor Guido DeMarco, M.P., fil-12.25 p.m.

2. Membri Preżenti

| | | |
|---|---|---|
| L-Onor Guido DeMarco, M.P.<br>Viċi Prim Ministru u Ministru<br>ta' l-Intern u tal-Ġustizzja | - | Chairman |
| L-Onor Vincent Tabone, M.P.<br>Ministru ta' l-Affarijiet Barranin | - | Membru |
| L-Onor Ugo Mifsud Bonnici, M.P.<br>Ministru ta' l-Edukazzjoni | - | Membru |
| L-Onor Dom Mintoff, M.P. | - | Membru |
| L-Onor Joseph Cassar, M.P. | - | Membru |
| Is-Sur Paul Muscat Terribile | - | Segretarju |

Il-minuti tas-Seduta tal-11 ta' Diċembru, 1987 kienu konfermati.

Kunsill ta' Difiża

Iċ-Chairman informa lill-Kumitat li minn kuntatti li saru irriżulta li kienet diffiċili li xi kunsulieri ta' l-Istat Taljan jiġu Malta ghal-konsultazzjoni. Iċ-Chairman kompla jghid li billi fl-ahhar ta' din il-gimgha kien sejjer l-Italja kellu jinqeda bl-okkażjoni u jiltaqa ma Sigr. Vassalli jew Sigr Fanfani u jekk ikun possibbli ma kunsulieri ta' Sigr. Cossiga ~~il-Prim Ministru~~ Taljan.

President

## Draft Summary

Iċ-Chairman qal ukoll li ġie mqassam "draft summary" tas-Seduti kollha sabiex il-membri jkunu jistgħu jistudjaw is-suġġetti trattati mill-Kumitat.

## Format ta' Kunsilli

L-Onor Dom Mintoff irrefera għal format ta' Kunsill u dwar id-doveri li membri parlamentari għandu jkollhom jekk jiġu maħturin membri ta' Kunsilli jew Kumitati ġodda.

Rigward il-Broadcasting Authority l-Onor Dom Mintoff qal li barra l-membri parlamentari kien jista jkun hemm membri magħżula mill-Parlament.

L-Onor Dom Mintoff qal ukoll li wara li hu u l-Onor Joseph Cassar ikunu studjaw is-summary ippreparat mis-Segretarju kien lest li jippreżenta 'draft' fuq punti li fuqhom kien intlaħaq ftehim.

Fis-1.40 p.m. il-Kumitat aġġorna għal nhar il-Ħamis, 17 ta' Diċembru, 1987 fil-11.30 a.m.

L-Onor Guido DeMarco, M.P.
Chairman

MINUTI

KUMITAT MAGHŻUL TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI BIEX JAGĦMEL RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦAT-TITJIEB FIL-KOSTITUZZJONI TA' MALTA

(Riżoluzzjoni tal-Kamra Nru 25 mgħoddija fis-Seduta tat-13 ta' Awissu 1987)

Seduta Nru 17

Il-Ħamis, 17 ta' Diċembru 1987

1. Il-Kumitat iltaqa' fil-Committee Room tal-Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja, l-Onor Guido de Marco, M.P., fis-12.55 p.m.

2. Membri Preżenti

| | | |
|---|---|---|
| L-Onor Guido de Marco, M.P.<br>Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja | - | Chairman |
| L-Onor Vincent Tabone, M.P.<br>Ministru ta' l-Affarijiet Barranin | - | Membru |
| L-Onor Ugo Mifsud Bonnici, M.P.<br>Ministru ta' l-Edukazzjoni | - | Membru |
| L-Onor Dom Mintoff, M.P. | - | Membru |
| L-Onor Joe Cassar, M.P. | - | Membru |
| Is-Sur Paul Muscat Terribile | - | Segretarju |

Il-Minuti tas-Seduta Nru 16 kienu konfermati.

Draft Agreement

L-Onor Dom Mintoff, M.P. qal li kien wasal iż-żmien li jiġi sottomess draft agreement lill-Kumitat minn kull wieħed miż-żewġ partiti sabiex imbagħad jkun jista' jitfassal "preliminary report" mill-Kumitat.

F'dawn id-draft agreements kellhom jkunu jirriflettu l-idejat tan-naħa tal-Gvern u dawk ta' l-Oppożizzjoni rigward suġġetti li ġew diskussi bħal:

1. Proċess Elettorali
2. Il-Qrati
3. Il-Broadcasting
4. L-Ispeaker
5. In-newtralita
6. Sigurta' ta' l-Istat

F'dawn id-draft agreements kellu jkun hemm ukoll msemmija d-drittijiet ġodda taċ-ċittadini u kif dawn id-drittijiet kienu sejrun jiġu mħarsa. L-Onor Dom Mintoff, M.P., qal ukoll li saru diskussjonijiet fit-tul dwar il-poteri u doveri ġodda tal-President u "safeguards" li għandu jkun hemm bħal (a) Impeachment (b) Kunsil ta' Stat.

Iċ-Chairman imbagħad semma' s-suġġetti fid-dettal li l-Kumitat kien iddiskuta matul il-laqgħat tal-Kumitat u beda biex qal li l-Kumitat kien studja bir-reqqa:

(a) Il-ħatra u l-poteri ġodda tal-President;

(b) Il-Kunsil għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja li kellu jkun hemm fih "safeguards" għal ħarsien tal-indipendenza tal-Ġudikatura kif ukoll l-"accountability" tal-Ġudikatura;

(c) In-neċessita tal-Kunsil ta' l-Istat;

(d) In-neċessita tal-Kunsil tad-Difiża għall-ħarsien tan-Nazzjon innifsu kif ukoll il-ħarsien tal-Kostituzzjoni;

(e) L-użu u l-importanza tal-Kumitati permanenti għal kontroll ta' (i) Infieq pubbliku (ii) Regolamenti u Leġislazzjoni (iii) Edukazzjoni u qasam soċjali (iv) qasam ekonomiku;

(f) In-neċissita li l-Broadcasting Authority għandha dejjem tkun u tidher li tkun ~~il-Broadcasting nazzjonali.~~ awtorita nazzjonali immexxija [illegible] tal partiti fil-Parlament

ipproponi- Iċ-Chairman ~~ipproponа~~ li billi l-kariga ta' Mr Speaker kienet ~~ta'~~ importanza, kellu jiġi sottomess rapport minn Mr Speaker dwar ħatra, tneħħija u kariga.

Fis-1.45 p.m. il-Kumitat aġġorna għal nhar it-Tlieta, 29 ta' Diċembru 1987 fil-11.30 a.m.

L-Onor Guido de Marco
Chairman

MINUTI

KUMITAT MAGHŻUL TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI BIEX JAGHMEL RAKKOMANDAZZJONIJIET GHAT-TITJIEB FIL-KOSTITUZZJONI TA' MALTA

(Riżoluzzjoni tal-Kamra Nru 25 mghoddija fis-Seduta tat-13 ta' Awissu 1987)

Seduta Nru 18

It-Tlieta 29 ta' Diċembru 1987

1. Il-Kumitat iltaqa' fil-Committee Room tal-Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja, l-Onor Guido de Marco, M.P., fil-11.30 a.m.

2. Membri Preżenti

| | | |
|---|---|---|
| L-Onor Guido de Marco, M.P.<br>Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja | - | Chairman |
| L-Onor Vincent Tabone, M.P.<br>Ministru ta' l-Affarijiet Barranin | - | Membru |
| L-Onor Dom Mintoff, M.P. | - | Membru |
| L-Onor Joe Cassar, M.P. | - | Membru |
| Is-Sur Paul Muscat Terribile | - | Segretarju |

Il-Ministru ta' l-Edukazzjoni kien skużat.

Il-minuti tas-Seduta Nru 17 kif emendati kienu konfermati.

Mr Speaker

Is-segretarju ppreżenta lill-Membri kopja ta' rapport dwar xi tibdiliet li kellhom isehhu dwar il-hatra u kariga ta' Mr Speaker.

Hatra ta' Mr Speaker u Deputy Speaker

L-Onor Dom Mintoff, M.P., issuġerixxa li għandu jkun hemm stabbilita' fil-ħatra ta' Mr Speaker. Kellhom jinħatru wkoll żewġ Deputy Speakers wieħed minn kull naħa tal-Kamra. Sakemm ma kienx jsir xi ħaġa li l-Kunsil ta' l-Istat kellu jkun kostrett li jwaqqaf dawn il-ħatriet, dawn kellhom jibqgħu fil-kariga. Dawn il-ħatriet kellhom jsiru b'maġġoranza ta' tnejn minn tlieta tal-membri tal-Parlament u dawk li jkunu eliġibbli għal dawn il-ħatriet ma kellhomx ikunu bilfors membri tal-Parlament.

Mr Speaker fil-kariga ġdida kellu jagħmila ta' Aġent President tar-Repubblika ta' Malta fl-assenza tal-President.

Rapporti Preliminari

Il-Kumitat wara li studja s-sottomessjonijiet preliminari taż-żewġ naħat tal-Kamra ddeċieda li jerġa' jiltaqgħa meta kellhom jiġu sottomessi rapporti aktar dettaljati.

Fis-1.30 p.m. il-Kumitat aġġorna għal nhar it-Tlieta, 5 ta' Jannar 1988 fil-11.30 a.m.

L-Onor Guido de Marco
Chairman

MINUTI

KUMITAT MAGHŻUL TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI BIEX JAGHMEL RAKKOMANDAZZJONIJIET GHAT-TITJIEB FIL-KOSTITUZZJONI TA' MALTA

(Riżoluzzjoni tal-Kamra Nru 25 mghoddija fis-Seduta tat-13 ta' Awissu 1987)

Seduta Nru 19

It-Tlieta, 5 ta' Jannar, 1988

1. Il-Kumitat iltaqa' fil-Committee Room tal-Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-intern u tal-Ġustizzja, l-Onor Guido deMarco, M.P., fin-12.30 p.m.

2. Membri Preżenti

| | | |
|---|---|---|
| L-Onor Guido de Marco, M.P.<br>Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja | - | Chairman |
| L-Onor Ugo Mifsud Bonnici, M.P.<br>Ministru ta' l-Edukazzjoni | - | Membru |
| L-Onor Dom Mintoff, M.P. | - | Membru |
| L-Onor Joe Cassar, M.P. | - | Membru |
| Is-Sur Philip Attard | - | Segretarju |

Il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin kien skużat.

Il-Minuti tas-Seduta Nru 18 kienu konfermati.

Kienu diskussi x-Xandir, il-Qrati u l-Parlament. Iċ-Chairman ta kopja tal-preliminary report lill-Onorevoli Membri. Aktar tard fis-Seduta tqassam ukoll il-Preliminary Report mill-Membri ta' l-oppożizzjoni.

Ix-Xandir

Il-Kumitat qabel mas-suġġeriment ta' l-Onor Dom Mintoff li kull darba li jissemma l-President, ghandu jissemma l-Kunsill ta' l-Istat.

Il-Qrati

Il-Kumitat qabel ukoll mas-suġġeriment ta' l-Onor Dom Mintoff fuq il-kompożizzjoni tal-Kunsill ta' l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja li għandu jkun differrenti meta jkunu fuq atti ta' dixxiplina u meta jkunu ta' amministrazzjoni biss.

Rigward amministrazzjoni biss il-Magistrati jkollhom rappreżentanza biss biex igħidu l-views tagħhom u l-maġġoranza trid tkun f'idejn il-Ministru.

Għal dik li hi dixxiplina, il-maġġoranza għandha tkun f'idejn il-Maġistrati u r-rappreżentanza lejk għandha tkun iżgħar bil-paṫt imma illi r-rappreżentanza lejk iġġib il-complaints mill-Parlament għal ġo fiha; u r-rappreżentanza lejk għandha dritt li tappella fuq dawk l-affarijiet ta' dixxiplina lill-Kunsill ta' l-Istat.

Fis-2.45 p.m. il-Kumitat aġġorna għal nhar il-Ħamis, 7 ta' Jannar, 1988 fil-11.30 a.m.

L-Onor Guido de Marco
Chairman

MINUTI

KUMITAT MAGHŻUL TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI BIEX JAGHMEL RAKKOMANDAZZJONIJIET GHAT-TITJIEB FIL-KOSTITUZZJONI TA' MALTA

(Riżoluzzjoni tal-Kamra Nru. 25 mgħoddija fis-Seduta tat-13 ta' Awissu 1987)

SEDUTA NRU 20

It-Tlieta, 12 ta' Jannar 1988

1. Il-Kumitat iltaqa' fil-"Committee Room" tal-Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja fil-12.05 p.m.

2. Membri Preżenti

| | | |
|---|---|---|
| L-Onor Guido Demarco, M.P. Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja | - | Chairman |
| L-Onor Censu Tabone, M.P. Ministru tal-Affarijiet Barranin | - | Membru |
| L-Onor Ugo Mifsud Bonnici, M.P. Ministru tal-Edukazzjoni | - | Membru |
| L-Onor Dom Mintoff, M.P. | - | Membru |
| L-Onor Joseph Cassar, M.P. | - | Membru |
| Is-Sur Paul Muscat Terribile | - | Segretarju |

Ugwaljanza fis-Sess

Fuq suġġeriment ta' l-Onor Dom Mintoff, M.P. il-Kumitat qabel li kellu jsir "declaration of principle" li "Ugwaljanza tas-Sess" kellu jidher fil-Kostituzzjoni taħt il-Kapitolu tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem. Kellu wkoll jiġi stabbilit żmien ta' sena sabiex il-liġijiet jiġu stabbiliti.

Dekorazzjonijiet

Intlaħaq ftehim li għoti ta' dekorazzjonijiet kellu jsir mill-Kunsil ta' l-Istat u l-aċċettazzjoni ta' dekorazzjonijiet kellu jkun prerogattiva tal-Gvern.

Rapporti

Iċ-Chairman qal li donnu li fir-rapporti sottomessi miż-żewġ naħat, is-suġġett tal-Qrati kellu jiġi diskuss aktar minħabba l-fatt li fil-kompozizzjoni u l-funzjoni tal-Kunsil tal-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja u l-Kunsil ta' l-Istat donnu kien jista' jinħoloq xi xkiel.

Fis-1.30 p.m. il-Kumitat aġġorna għal nhar il-Ħamis, 14 ta' Jannar 1988 fil-11.30 a.m.

L-Onor Guido deMarco
Chairman

MINUTI

KUMITAT MAGHŻUL TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI BIEX JAGHMEL RAKKOMANDAZZJONIJIET GHAT-TITJIEB FIL-KOSTITUZZJONI TA' MALTA

(Riżoluzzjoni tal-Kamra Nru. 25 mgħoddija fis-Seduta tat-13 ta' Awissu 1987)

SEDUTA NRU 21

Il-Ġimgħa, 15 ta' Jannar 1988

1. Il-Kumitat iltaqa' fil-"Committee Room" tal-Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja fil-12.05 p.m.

2. Membri Preżenti

| | | |
|---|---|---|
| L-Onor Guido Demarco, M.P.<br>Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja | - | Chairman |
| L-Onor Censu Tabone, M.P.<br>Ministru ta' l-Affarijiet Barranin | - | Membru |
| L-Onor Ugo Mifsud Bonnici, M.P.<br>Ministru tal-Edukazzjoni | - | Membru |
| L-Onor Dom Mintoff, M.P. | - | Membru |
| L-Onor Joseph Cassar, M.P. | - | Membru |
| Is-Sur Paul Muscat Terribile | - | Segretarju |

Dekorazzjonijiet

Il-Kumitat qabel li l-aċċettazzjoni ta' dekorazzjonijiet minn pajjiżi barranin kellha tibqa' tiġi taħt il-prerogattiva tal-Prim Ministru. L-għoti ta' dekorazzjonijiet mir-Repubblika ta' Malta tkun responsabilita tal-Kunsill ta' l-Istat.

L-Ugwaljanza tas-Sessi

Il-Kumitat magħżul qabel li biex verament f'pajjiżna tintlaħaq l-ugwaljanza meħtieġa bejn irġiel u nisa l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni kellu jkollu speċifikat fih li ma għandux ikun hemm diskriminazzjoni fit-trattament bejn irġiel u nisa. Din l-emenda tibda sseħħ fi żmien sena sabiex jingħata żmien biżżejjed ħalli xi liġijiet tal-pajjiż jinbidlu.

Il-Qrati

Iċ-Chairman imbagħad iddetta din l-emenda.

1) Kunsill ta' l-amministrazzjoni tal-Gustizzja

Il-Kumitat magħżul eżamina il-problema dwar il-Qrati u l-funzjonijiet tagħhom fi ħdan l-Istituzzjonijiet ta' l-Istat Malti. Il-Kumitat jidhirlu li għandu jiġi konfermat fil-Kostituzzjoni li l-Gudikatura hija organu indipendenti ta' l-Istat u li kull Gudikant għandu jiddeċiedi l-kwestjonijiet li jkollu quddiemu skond l-apprezzament tiegħu tal-fatti u skond l-applikazzjoni tal-liġijiet kif interpretati skond il-kuxjenza tiegħu bla ebda pressjoni, influenza jew indħil minn ebda naħa.

Dana huwa essenzjali biex il-Gudikatura tkun f'għajnejn il-poplu organu li jiġudika imparzjalment u b'mod indipendenti.

Kif inhi sitwazzjoni illum l-Eżekuttiv għandu dritt jqassam lil-Imħallfin d-dmirijiet tagħhom fil-Qrati.

Biex ċerti poteri ma jibqgħux f'idejn l-Eżekuttiv (il-Gvern) waħdu u biex tiġi assigurata aktar l-indipendenza tal-Gudikatura il-Kumitat jirrikmanda li din is-saħħa għandha tgħaddi f'idejn il-Kunsill għal amministrazzjoni tal-Gustizzja.

Dan il-Kunsill jkollu ir-responsabbilita' għat-tmexxija effiċjenti tal-amministrazzjoni tal-Qrati; jkollu l-poter jassenja lil-Imħallfin u Maġistrati d-dmirijiet tagħhom fil-Qrati u li jassigura li l-ħidma fil-Qrati tkun skond il-Liġi u fl-interess tal-poplu.

Il-Kunsill għall-amministrazzjoni tal-Gustizzja jkun presedut mill-President tar-Repubblika u kompost ukoll mill-Prim Imħallef bħala President, il-Ministru tal-Gustizzja, Imħallef elett mill-bank tal-Gudikatura, Maġistrat elett mill-bank tal-Maġistrati u persuni nominati mill-Prim Ministru u persuni nominata mill-Kap ta' l-Oppożizzjoni. Dawn l-aħħar tnejn għandhom jkunu persuni li ma humiex ġejjin mill-Parlament u li jgawdu ir-rispett tal-poplu għall-integreta u għas-serjeta tagħhom.

3) Il-Kumitat magħżul jaqbel u jemmen kif jidher minn dan ir-rapport fl-indipendenza tal-Ġudikatura. Jidhirlu pero' li fl-interess ta' l-istess ġudikatura għandu jiġi introdott il-konċett tal-"accountability".

Kif is-sitwazzjoni illum hi l-Imħallef igawdi is-sigurezza tal-pożizzjoni tiegħu u ma jistax jiġi rimoss mil-kariga jekk mhux bil-vot tad-2/3 tal-Kamra tad-Deputati kif tipprovdi il-Kostituzzjoni. Din is-sitwazzjoni il-Kumitat jidhirlu li għandha tinżamm.

4) Il-Kumitat jidhirlu li għal aħjar funzjonament tal-Kunsill għal-amministrazzjoni tal-Ġustizzja għandu bżonn l-għajnuna ta' żewġ kummissjonijiet.
(a) Kummissjoni ta' tmexxija tal-Qrati u (b) kummissjoni ta' viġilanza.

Il-Kummissjoni għat-tmexxija tal-Qrati għanda responsabbilita' li tara li t-tmexxija tal-Qrati u tar-Reġistru tagħhom tkun tajba, effiċjenti u responsabbli.

Din il-Kummissjoni tkun preseduta mill-Ministru tal-Ġustizzja u jkun hemm fija Imħallef,u Maġistrat li jkunu nominati biex iservu fil-Kunsill għall-amministrazzjoni tal-Ġustizzja, ir-rappreżentant tal-Kamra tal-Avukati u rappreżentant tal-Kamra tal-Prokuratuti Legali u rappreżentant elett mill-impjegati tal-Qrati u żewġ membri nominati mill-Prim Ministru u tnejn nominati mill-Kap ta' l-Oppożizzjoni li minnhom tnejn ikunu dawk it-tnejn li qiegħdin iservu diga' fil-Kunsill għall-amministrazzjoni tal-Ġustizzja u li jkollhom l-istess rekwiżiti u kwalifiki bħal dawk nominati għall-Kunsill ta' l-amministrazzjoni tal-Ġustizzja.

5) Il-Kummissjoni ta' viġilanza jkolla ir-responsabbilita' li tara l-Ġudikanti fl-amministrazzjoni tagħhom fil-Qrati (għad-diferenza tal-funzjonijiet li jiddeċiedi bil-materji li jkollhom quddiemhom) jagħdu l-istess funzjonijiet tagħhom skond il-liġi u b'mod li ma jonqsux mid-doveri tagħhom u minn dak li hu ġustament huwa mistenni minnhom.

Il-Kummissjoni tkun komposta mill-Prim Imħallef li jippresjedi, mill-Imħallef u l-Maġistrat li qiegħdin iservu fil-Kunsill għall-amministrazzjoni tal-Ġustizzja minn persuni nominati mill-Prim Ministru u minn persuni nominati mill-Kap ta' l-Oppożizzjoni liema persuni jkollhom il-kwalifiki u rekwiżiti imsemmija għall-persuni hekk nominati għall-Kunsill ta' l-amministrazzjoni tal-Ġustizzja.
Kull membru ta' dawn il-Kummissjonijiet għandu d-dritt li jappella quddiem il-Kunsill ta' l-amministrazzjoni tal-Ġustizzja. Hekk ukoll għandu dritt kull xi persuna li tiġi milquta minn deċiżżjonijiet ta' dawn il-Kummissjonijiet jew ta' l-istess Kunsill.

(6) Il-membri tal-Parlament jkollhom d-dritt li l-ilmenti taghhom jressquhom u jidhru wkoll quddiem kull wahda mill-Kummissjonijiet kif ukoll meta jkun il-każ quddiem il-Kunsill ta' l-amministrazzjoni tal-Ġustizzja.

(7) Il-prinċipji hawn dikjarati m'humiex ġodda. Dawn huma diġa' implimentati f'pajiżi demokratiċi ohra u dan qieghed isir biex jassigura l-indipendenza tal-Ġudikatura u fl-istess hin din il-Ġudikatura takkwista aktar rispett f'ghajnejn iċ-ċittadin.

Fl-4.30 p.m. il-Kumitat aġġorna ghal nhar it-Tlieta, 19 ta' Jannar 1988.

L-Onor Guido de Marco
Chairman

MINUTI

Kumitat Magħżul tal-Kamra tad-Deputati biex jagħmel Rakkomandazzjonijiet għat-Titjib fil-Kostituzzjoni ta' Malta

(Riżoluzzjoni tal-Kamra Nru 25 mgħoddija fis-Seduta tat-13 ta' Awissu 1987)

SEDUTA NRU 22

It-Tlieta, 3 ta' Jannar 1989

1. Il-Kumitat iltaqa' fil-Committee Room tal-Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja, l-Onor Guido deMarco, M.P., fil-12.20 p.m.

2. Membri Preżenti

| | |
|---|---|
| L-Onor Guido de Marco, M.P. Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja | Chairman |
| L-Onor Censu Tabone, M.P. Ministru ta' l-Affarijiet Barranin | Membru |
| L-Onor Ugo Mifsud Bonnici, M.P. Ministru ta' l-Edukazzjoni | Membru |
| L-Onor Dom Mintoff, M.P. | Membru |
| L-Onor Joseph Cassar, M.P. | Membru |
| Is-Sur Paul Muscat Terribile | Segretarju |

Il-Kumitat irriżuma mill-15 ta' Jannar 1988, il-laqgħat uffiċċjali tiegħu.

Iċ-Chairman għamel introduzzjoni qasira u beda biex qal li r-riazzjoni tal-Eżekuttiv tal-Partit Nazzjonalista għar-rapport preliminari tal-Kumitat Magħżul kienu dawn:

Il-Parlament

Il-Parlament kellu jkun msahhah fil-operat tieghu b'sitt Kumitati Permanenti tal-Kamra:-

(a) Politika Barranija

(b) Infieq Pubbliku

(ċ) Żvilupp Soċjali u Edukazzjoni

(d) Żvilupp Ekonomiku u Industrijali

(e) Xandir u Telekommunikazzjoni

(f) Affarijiet tal-Parlament

In-numru ta' kull Kumitat kellu jkun fard u mhux aktar minn seba' minn nies.

Is-Sistema Elettorali

Is-Sistema Elettorali kellha tkun il-"proportional representation" b'national quota. Dak il-Partit li ma jgibx il-hamsa fil-mija ma kellux dritt ghar-rappreżentanza fil-parlament u l-voti tieghu jghaddu fuq partiti ohra.

Il-Kunsill ta' l-Istat

Il-Kunsill ta' l-Istat kellu jkun format mill-President tar-Repubblika, mill-Prim Ministru u mill-Kap ta' l-Oppożizzjoni. Il-funzjoni tal-Kunsill ta' l-Istat hu biex il-President tar-Repubblika flimkien jwassal ghal konsensus ghal nomini ta' ċerti karigi fil-pajjiż.

Meta jkun ntlahaq ftehim bejn il-Prim Ministru u l-Kap ta' l-Oppożizzjoni, il-President ma kellu ebda funzjoni hlief li jirratifika il-volunta komuni ta' membri l-ohra jekk ma jasalx li jkollu nomina wahda, il-Kap ta' l-Istat jikkonsulta ruhu ma' l-kunsulier tar-Repubblika li l-Kumitat Maghżul kien sejhilhom Kunsulieri ta' l-Istat imbaghad tittiehed deċiżjoni minnu.

Speaker

Qabel ma jiġi suġġerit Speaker fil-Kamra, jiltaqa' l-Prim Ministru u l-Kap ta' l-Oppożizzjoni mal-President fil-Kunsill ta' l-Istat sabiex tinstab soluzzjoni. Jekk ma jinkesibx ftehim, l-Ispeaker jiġi mahtur bil-proċedura li nafu ahna.

L-uffiċċju ta' l-Ispeaker kellu jkun awtonomu u l-Kumitati Permanenti l-ġodda kellhom jiltaqgħu taħt il-kontrol ta' Mr Speaker u għandu jitwaqqaf kumitat taħt il-presidenza ta' Mr Speaker għal programmar tax-xogħol tal-Parlament.

Ġudikatura

Għandu jkun hemm Kunsill għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja imma ma tinħasx il-ħtieġa li jkun hemm żewġ kumitati, imma wieħed. Il-kompożizzjoni ta' dan il-Kunsill kellu jkun hekk:

(a) Il-President tar-Repubblika
(b) Il-Prim Imħallef
(ċ) Il-Ministru tal-Ġustizzja
(d) Imħallef elett mill-Imħallfin
(e) Żewġ Maġistrati eletti mill-Maġistrati
(f) Żewġ Avukati eletti mill-Avukati
(g) Prokuratur Legali elett mill-Prokuraturi Legali
(h) Membru nominat mill-Gvern
(i) Membru nominat mill-Kap ta' l-Oppożizzjoni

Il-membri nominati mill-Gvern u mill-Kap ta' l-Oppożizzjoni ma kellhomx ikunu Parlamentari.

Xandir

Fix-Xandir kellu jkun hemm pluraliżmu u li l-Awtorita' tax-Xandir kellha tibqa' hemm kif inhi biex tassigura bilanċ. Ix-Xandir Malta kellha tkun ukoll korporazzjoni awtonoma imma l-kontroll politiku fuq ix-Xandir tal-Istat jista' jsir:

(a) billi kull partit politiku jaħtar direttur
(b) billi jkun hemm Kumitat Permanenti tal-Kamra tad-Deputati.

Kunsilli Lokali

Kellu jkun hemm Kunsilli Lokali u l-ħtieġa li dawn isiru kellha tiġi mfissra u mdaħħla fil-Kostituzzjoni.

– – –

President tar-Repubblika

Il-President tar-Repubblika kellu jkollu l-poteri kollha kif speċifikat fir-rapport preliminari nkluż li għandu jippresjedi l-Kunsil tad-Difiża.

Il-ħatra tal-President kellha tkun fuq bażi ta' żewġ terzi maġġoranza fil-Parlament u wara "two efforts" jekk dan ma jseħħx, kellha titressaq riżoluzzjoni fil-Parlament biex jinħatar il-president kif normalment isir.

Festa Nazzjonali

Il-Festa Nazzjonali kellha tkun il-21 ta' Settembru.

Il-Membri tal-Kumitat li jirrappreżentaw l-Oppożizzjoni qalu li billi kien hemm ħafna punti fis-sottomessjonijiet tal-eżekuttiv tal-partit tal-Gvern li huma ma jaqblux magħhom, inħass il-bżonn (u anke ntlaħaq ftehim) li jkun hemm forma ta' "agreed minutes" sabiex ma jkunx hemm każi ta' malintiż.

Fil-1.45 p.m. il-Kumitat aġġorna għal nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Jannar, 1989 fil-11.30 a.m.

Onor. Guido de Marco MP
Chairman

MINUTI

Kumitat Magħżul tal-Kamra tad-Deputati biex jagħmel Rakkomandazzjonijiet għat-Titjib fil-Kostituzzjoni ta' Malta

(Riżoluzzjoni tal-Kamra Nru 25 mgħoddija fis-Seduta tat-13 ta' Awissu 1987)

SEDUTA NRU 23

Il-Ġimgħa, 6 ta' Jannar 1989

1. Il-Kumitat iltaqa' fil-Committee Room tal-Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja, l-Onor Guido de Marco, M.P., fil-12.10 p.m.

2. Membri Preżenti

| | |
|---|---|
| L-Onor Guido de Marco, M.P.<br>Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja | Chairman |
| L-Onor Ugo Mifsud Bonnici, M.P.<br>Ministru ta' l-Edukazzjoni | Membru |
| L-Onor Dom Mintoff, M.P. | Membru |
| L-Onor Joseph Cassar, M.P. | Membru |
| Is-Sur Paul Muscat Terribile | Segretarju |

L-Onor Censu Tabone, M.P., Ministru ta' l-Edukazzjoni kien skużat.

Billi fil-Minuti Nru 22 tat-Tlieta, 3 ta' Jannar 1989 hemm irreġistrat ir-riazzjoni tal-Eżekuttiv tal-Partit fil-Gvern, l-Onor Dom Mintoff, M.P. qal li għandu jkun irreġistrat ukoll fil-minuti dan li ġej:

Il-Membri ta' l-Oppożizzjoni kellhom huma wkoll ħafna laqgħat mal-Grupp Parlamentari tagħhom u tal-Eżekuttiv Nazzjonali. F'dawn il-laqgħat, il-Grupp Parlamentari u l-Eżekuttiv Nazzjonali Laburista, waqt li wrew fiduċja fil-Membri li jirrappreżentawhom fil-Kumitat Magħżul, għamlu rakkomandazzjonijiet dwar tibdil fil-Kostituzzjoni

li jolqtu:

(a) drittijiet u libertajiet fondamentali;
(b) il-Parlament;
(c) Il-Qrati;
(d) il-Kunsill Nazzjonali tad-difiża.

Xtaqu li dawn ir-rakkomandazzjonijiet jitressqu fil-Kumitat Magħżul u ma riedux jintrabtu fuq deċiżjoni finali qabel ma jaraw ir-rapport tal-Kumitat Magħżul kif jiġi emendat. Ikunu lesti biex jagħtu rakkomandazzjoni finali qabel ma r-rapport jiġi finalment ikkonsidrat mill-Parlament. Fl-istess ħin, il-Membri tal-Oppożizzjoni fil-Kumitat Magħżul ġibdu l-attenzjoni tac-Chairman li mill-bidunett kienu qed isiru taħdidiet informali bejn il-Membri ta' l-istess Kumitat dwar "items" nazzjonali li għalkemm ma jolqtux direttament ix-xogħol tal-Kumitat Magħżul dwar il-Kostituzzjoni għandhom konsegwenza diretta fuq is-suċċess jew il-falliment tax-xogħol tal-Kumitat. Dan ifisser li jekk ma jirranġawx ruħhom fuq bażi ta' konsensus qabel mar-rapport tal-Kumitat Magħżul jersaq għall-konsiderazzjoni finali tal-Partiti u fil-Parlament, żgur li x-xogħol tal-Kumitat Magħżul itir mar-riħ. Dawn is-suġġetti kienu:

(1) il-power station bil-periklu tad-diżubbidjenza ċivili;
(2) it-tmexxija tal-Parlament;
(3) id-diskriminazzjonijiet fl-għotji ta' promozzjonijiet u transfers f'diversi oqsma ta' l-Amministrazzjoni, kif ukoll diskriminazzjonijiet ta' natura gravi li qed isiru fuq ħtijiet ta' natura politiko-kriminali.

Fit-2.45 p.m. il-Kumitat aġġorna għal nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Jannar 1989 fil-11.30 a.m.

L-Onor Guido de Marco
Chairman

## RAKKOMANDAZZJONIJIET DWAR TIBDIL FIL-KOSTITUZZJONI MILL-MEMBRI TAL-OPPOZIZZJONI

Il-Membri tal-Oppozizzjoni kellhom huma wkoll hafna laqghat mal-Grupp Parlamentari taghhom u tal-Esekuttiv Nazzjonali. F'dawn il-laqghat, il-Grupp Parlamentari u l-Esekuttiv Nazzjonali Laburista, waqt li wrew fiducja fil-Membri li jirrapprezentawhom fil-Kumitat Maghzul, ghamlu rakkomandazzjonijiet dwar tibdil fil-Kostituzzjoni li jolqtu:

(a) drittijiet u libertajiet fondamentali;
(b) il-Parlament;
(c) il-Qrati;
(d) il-Kunsill Nazzjonali tad-difiza.

Xtaqu li dawn ir-rakkomandazzjonijiet jitressqu fil-Kumitat Maghzul u ma riedux jintrabtu fuq decizjoni finali qabel ma jaraw ir-rapport tal-Kumitat Maghzul kif jigi emendat. Ikunu lesti biex jaghtu rakkomandazzjoni finali qabel ma r-rapport jigi finalment ikkonsidrat mill-Parlament. Fl-istess hin, il-Membri tal-Oppozizzjoni fil-Kumitat Maghzul gibdu l-attenzjoni tac-Chairman li mill-bidunett kienu qed isiru tahdidiet informali bejn il-Membri ta' l-istess Kumitat dwar 'items' nazzjonali li ghalkemm ma jolqtux direttament ix-xoghol tal-Kumitat Maghzul dwar il-Kostituzzjoni ghandhom konsegwenza diretta fuq is-success jew il-falliment tax-xoghol tal-Kumitat. Dan ifisser li jekk ma jirrangawx ruhhom fuq bazi ta' konsensus qabel mar-rapport tal-Kumitat Maghzul jersaq ghall-konsiderazzjoni finali tal-Partiti u fil-Parlament, zgur li x-xoghol tal-Kumitat Maghzul jitir mar-rih. Dawn is-suggetti kienu:

(1) il-power station bil-periklu tad-dizubbidjenza civili;
(2) it-tmexxija tal-Parlament;
(3) id-diskriminazzjonijiet fl-ghotja ta' promozzjonijiet u transfers f'diversi oqsma ta' l-Amministrazzjoni, kif ukoll diskriminazzjonijiet ta' natura gravi li qed isiru fuq htijiet ta' natura politiko-kriminali.

MINUTI

Kumitat Magħżul tal-Kamra tad-Deputati biex jagħmel Rakkomandazzjonijiet għat-Titjieb fil-Kostituzzjoni ta' Malta

(Riżoluzzjoni tal-Kamra Nru 25 mgħoddija fis-Seduta tat-13 ta' Awissu 1987)

SEDUTA NRU 24

It-Tlieta, 17 ta' Jannar 1989

1. Il-Kumitat iltaqa' fil-Committee Room tal-Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja, l-Onor Guido de Marco, M.P., fl-12.15 p.m.

2. Membri preżenti

| | |
|---|---|
| L-Onor Guido de Marco, M.P. Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja | Chairman |
| L-Onor Ugo Mifsud Bonnici, M.P. Ministru ta' l-Edukazzjoni | Membru |
| L-Onor Dom Mintoff, M.P. | Membru |
| L-Onor Joseph Cassar, M.P. | Membru |
| Is-Sur Paul Muscat Terribile | Segretarju |

L-Onor Ċensu Tabone, M.P., Ministru ta' l-Affarijiet Barranin kien skużat.

Drittijiet u Libertajiet Fondamentali

Fuq proposta ta' l-Onor Dom Mintoff, M.P., il-Kumitat qabel li "Law Revision Committee" kellha tingħata r-risponsabilita' li tagħmel l-emendi kollha f'daqqa li hemm bżonn u tissottomettihom lill-Kumitat fi żmien raġonevoli sabiex jkunu jistgħu jiġu diskussi fil-Parlament.

Istituzzjonijiet Ġudizjarji

L-Onor Dom Mintoff, M.P. qal li l-veduti tal-Eżekuttiv tal-Partit tiegħu dwar l-Istituzzjonijiet Ġudizjarji jew kważi Ġudizjarji,kienu li dawn ikunu "accountable" bħal ma ġie suġġerit għall-Imħallfin bl-istess salvagwardji allavolja fuq is-suġġett tal-Kunsill dwar l-amministrazzjoni tal-Ġustizzji ma kienx hemm qbil totali.

L-Avukat Ġenerali tar-Repubblika

L-Onor Dom Mintoff, M.P., qal li l-veduti ta' l-Eżekuttiv dwar l-Avukat Ġenerali tar-Repubblika kienu dawn:

(a) "accountability" bħal ta' l-Imħallfin;

(c) Illi l-funzjonijiet bħala "Public Prosecutor" bil-poteri li joħroġ "Bills of indictment", kellhom jiġu divorzjati "hived off" mill-funzjonijiet l-oħra tal-Avukat tar-Repubblika.

Kunsill Nazzjonali tad-Difiża

Fuq suġġeriment tal-Onor Joseph Cassar, M.P., il-Kumitat qabel li fir-rapport dwar is-suġġett wara l-kliem "fi żmien il-gwerra" kellu jiżdiet il-kliem "jinkludi anke żmien tal-emerġenza".

Korpi

L-Onor Joseph Cassar, M.P. qal ukoll li fid-diversi korpi li fir-rapport preliminari ġie rakkomandat li jkun hemm rappreżentanza tal-Kamra tal-Avukati, dawn kellhom jiġu eletti mill-avukati. Il-Kumitat qabel ma' dan is-suġġeriment.

Parlament

L-Onor Joseph Cassar, M.P. qal ukoll li fir-rapport f'paġna 14,para 12, fit-tielet linja fil-bidu tal-paġna kellhom jitneħħew ċerti kliem bħal "jew bħala favur jew agħar u agħar jekk ikun ħallas żejjed mill-but". Intlaħaq ftehim dwar dan fil-Kumitat.

President

Fuq is-suġġett dwar il-ħatra tal-President il-Kumitat qabel li kellhom isiru aktar konsultazzjonijiet qabel ir-rakkomandazzjonijiet finali.

Power Station

Dwar il-Power Station sar qbil fil-Kumitat li kellha ssir laqgħa mal-Prim Ministru qabel li dan is-suġġett jiġi diskuss aktar fil-Kumitat.

Fis-1.30 p.m. il-Kumitat aġġorna għal nhar il-Tlieta 24 ta' Jannar fil-11.30 a.m.

MINUTI

Kumitat magħżul tal-Kamra tad-Deputati biex jagħmel rakkomandazzjonijiet għat-titjieb fil-Kostituzzjoni ta' Malta

(Riżoluzzjoni tal-Kamra Nru 25 mgħoddija fis-Seduta tat-13 ta' Awissu 1987)

SEDUTA NRU 25

It-Tlieta, 24 ta' Jannar 1989

1. Il-Kumitat iltaqa' fil-Committee Room tal-Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja, l-Onor Guido de Marco, M.P. fn-12.15 p.m.

2. Membri preżenti

| | |
|---|---|
| L-Onor Guido de Marco, M.P.<br>Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja | Chairman |
| L-Onor Censu Tabone, M.P.<br>Ministru ta' l-Affarijiet Barranin | Membru |
| L-Onor Ugo Mifsud Bonnici, M.P.<br>Ministru ta' l-Edukazzjoni | Membru |
| L-Onor Dom Mintoff, M.P. | Membru |
| L-Onor Guze' Cassar, M.P. | Membru |
| Is-Sur Paul Muscat Terribile | Segretarju |

Drittijiet u Libertajiet Fondamentali

Fuq proposta tal-Onor Dom Mintoff, M.P., il-Kumitat qabel li fl-aħħar ta' dan il-paragrafu kellu jiżdied dan li ġej:

"illi fil-Kostituzzjoni jkun hemm miktub illi sa sentejn dak is-sub transcript leġislattion li hemm li jmorru kontra l-Kostituzzjoni jispiċċaw."

L-Avukat Ġenerali tar-Repubblika

Fuq proposta ta' l-Onor Guże Cassar, M.P., il-Kumitat qabel illi s-sub-paragrafu (c) kellha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Illi min jiehu d-deċizjoni jmexxix jew le kontra xi hadd ma jridx jkun l-istess persuna illi hi taghti parir lill-pulizija x'ghandu jaghmel."

Korpi

L-Onor Dom Mintoff, M.P., qal li f'dan il-paragrafu fejn ikun hemm "rappreżentanza tal-Kamra tal-Avukati" ghandha tkun "rappreżentant/rappreżentanti tal-avukati elett/eletti mill-avukati".

Parlament

L-Onor Dom Mintoff, M.P., qal li sabiex il-paragrafu jiftiehem aktar, il-kelma "fil-Kumitat" fl-ahhar tal-paragrafu kellha tiġi mhassra.

President

Fil-paragrafu dwar il-hatra tal-President wara l-kelma "tal-President" kellhom jidhlu wkoll il-kliem "u tal-Ispeaker".

Diskriminazzjoni bejn Irġiel u Nisa

L-Onor Guże' Cassar, M.P. qal li fir-rapport preliminari fil-paragrafu fejn jittratta "l-ugwaljanza bejn irġiel u nisa" il-Kumitat qabel li din l-emenda tibda ssehh fi żmien sena.

Iċ-Chairman qal li sabiex il-Kostituzzjoni tkun tassew l-oghola liġi tal-pajjiz dawk il-liġijiet li huma salvati jinghata żmien biex jiġu "in conformity with" jew fejn jinqala konflitt tirbah il-Kostituzzjoni.

Intlahaq qbil dwar dan.

Indipendenza tal-Ġudikatura

Iċ-Chairman qal li fuq dan is-suġġett intlahaq qbil:

(a) Indipendenza tal-Imhallfin fil-kontest tal-Kunsill ghall-Aministrazzjoni tal-Ġustizzja ghalkemm ghad ma ntlahaqx qbil dwar il-kompożizzjoni tieghu.

(b) Dwar accountability tal-Imhallfin, ghalkemm l-"accountability" ghad mhix definita.

(c) Korpi Ġudizjarji jew kważi Ġudizjarji ghandhom ikollhom responsabilta' ta' "accountability".

Referendum

Dwar dan is-suġġett iċ-Chairman qal li l-veduti tal-Eżekuttiv tal-Partit Nazzjonalista ma kienu ċari xejn u s-sitwazzjoni kellha ghalhekk tiġi ċċarata.

Pluraliżmu fix-Xandir

Iċ-Chairman qassam kopja fotostatika dwar il-veduti tal-Eżekuttiv tal-Partit Nazzjonalista. L-Onor Dom Mintoff, M.P. qal li l-Kumitat kien diġa esprima ruhu fuq dan is-suġġett.

Il-Kumitat aġġorna ghal nhar it-Tlieta, 7 ta' Frar, 1989 fis-1.30 p.m.

L-Onor Guido de Marco, M.P.
Chairman

MINUTI

Kumitat magħżul tal-Kamra tad-Deputati biex jagħmel rakkomandazzjonijiet għat-titjieb fil-Kostituzzjoni ta' Malta

(Riżoluzzjoni tal-Kamra Nru 25 mgħoddija fis-Seduta tat-13 ta' Awissu 1987)

SEDUTA NRU 26

It-Tlieta, 7 ta' Frar, 1989

1. Il-Kumitat iltaqa' fil-Committee Room tal-Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja, l-Onor Guido de Marco, M.P. fin-12.30 p.m.

2. Membri preżenti

| | |
|---|---|
| L-Onor Guido de Marco, M.P. Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja | Chairman |
| L-Onor Censu Tabone, M.P. Ministru ta' l-Affarijiet Barranin | Membru |
| L-Onor Ugo Mifsud Bonnici, M.P. Ministru ta' l-Edukazzjoni | Membru |
| L-Onor Dom Mintoff, M.P. | Membru |
| L-Onor Guże' Cassar, M.P. | Membru |
| Is-Sur Paul Muscat Terribile | Segretarju |

Drittijiet u Libertajiet Fondamentali

L-Onor Guże' Cassar, M.P. ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat li fil-paġna 1 tal-Minuti fl-aħħar paragrafu il-kliem "is-sub transcript legislation" kellhom jitħassru u jidħlu il-kliem "is-saved legislation".

L-Avukat Ġenerali tar-Repubblika

L-Onor Ġużè Cassar, M.P. qal li l-emenda kif tidher fil-Minuti ma kenitx dak li kien mixtieq. Bħala riżultat ta' diskussjoni fuq il-Minuti deher li l-aħjar kif dan jitwettaq kien billi l-poteri mogħtija taħt il-Kostituzzjoni Artikolu 91(3) ~~tiġi~~ mogħtija kariga ~~oħra~~ li min ikun id-detentur ta' din ~~il-kariga oħra~~ miżmum milli jagħti pariri lill-Pulizija~~, u l-uffiċċju tiegħu~~. Dan japplika kemm għad-detentur tal-kariga u kemm għad-dipendenti ~~mill-uffiċċji~~.

Diskriminazzjoni bejn Irġiel u Nisa

L-Onor Ġużè Cassar, M.P. qal li l-kliem "jew fejn jinqala konflitt tirbaħ il-Kostituzzjoni" fl-aħħar ta' dan il-paragrafu kellhom jitħassru u minflokhom jidħol dan li ġej "u wara tant żmien tirbaħ il-Kostituzzjoni".

Referendum

Iċ-Chairman qal li fit-tieni linja il-kliem "ma kenux ċari xejn u s-sitwazzjoni kellha għalhekk tiġi ċċarata" kellhom jitħassru u jidħol dan li ġej; "kien jinħtieġilhom kjarifika", ~~dwar in-neċessita' li saret hemmhekk meta l-emendi jiġu eventwalment proposti.~~

~~Iċ-Chairman bħala "point of information" imbagħad qal illi r-referendum ma kenitx kondizzjoni għal ftehim.~~

Iċ-Chairman qal li wasal iż-żmien, li l-Kumitat jara l-punti fejn kien ntlaħaq u fejn ma kienx ntlaħaq ftehim.-

L-Onor Dom Mintoff, M.P. għamel proposta li r-rappreżentanti tal-Gvern jipparagunaw il-Minuti u illi wara d-diskussjonijiet li saru sa issa jagħmlu rakkomandazzjonijiet tagħhom dwar emendi għar-rapport preliminari.

Il-Kumitat aġġorna għal nhar it-Tlieta, 14 ta' Frar, 1989 fis-1.30 p.m.

L-Onor Guido de Marco, M.P.
Chairman

MINUTI

Kumitat magħżul tal-Kamra tad-Deputati biex jagħmel rakkomandazzjonijiet għat-titjib fil-Kostituzzjoni ta' Malta

(Riżoluzzjoni tal-Kamra Nru 25 mgħoddija fis-Seduta tat-13 ta' Awissu 1987).

SEDUTA NRU 27

It-Tlieta, 14 ta' Frar, 1989

1. Il-Kumitat iltaqa' fil-Committee Room tal-Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja, l-Onor Guido de Marco, M.P. fin-12.25 p.m.

2. Membri preżenti

| | |
|---|---|
| L-Onor Guido de Marco, M.P.<br>Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja | Chairman |
| L-Onor Ċensu Tabone, M.P.<br>Ministru ta' l-Affarijiet Barranin | Membru |
| L-Onor Ugo Mifsud Bonnici, M.P.<br>Ministru ta' l-Edukazzjoni | Membru |
| L-Onor Dom Mintoff, M.P. | Membru |
| L-Onor Ġużè Cassar, M.P. | Membru |
| Is-Sur Paul Muscat Terribile | Segretarju |

Korrezzjoni tal-Minuti

L-Avukat Ġenerali tar-Repubblika

Fuq proposta ta' l-Onor Ġużè Cassar M.P. il-Kumitat qabel li dan il-paragrafu kellu jinbidel u minfloku jidħol dan li ġej:-

"L-Onor Guże' Cassar M.P. qal li l-emenda kif tidher fil-Minuti ma kenitx dak li kien mixtieq. Bħala riżultat ta' diskussjoni fuq il-Minuti deher li l-aħjar kif dan jitwettaq kien billi l-poteri mogħtija taħt il-Kostituzzjoni-Artiklu 91(3)-jiġu mogħtija karigа oħra u li min ikun id-detentur ta' din il-kariga jkun miżmum milli jagħti pariri lill-Pulizija, speċjalment fl-investigazzjonijiet Kriminali tagħhom. Dan japplika kemm għad-detentur tal-kariga u kemm għad-dipendenti tiegħu."

Referendum

Iċ-Chairman qal fil-Minuti li l-paragrafu dwar ir-referenda kellu jitħassar u jidħol dan li ġej:-

"Iċ-Chairman qal li fit-tieni linja il-kliem "ma kenux ċari xejn u s-sitwazzjoni kellha għalhekk tiġi ċċarata" kellhom jitħassru u jidħol dan li ġej; "kien jinħtieġilhom kjarifika."

Iċ-Chairman ~~bħala "point of information"~~ imbagħad qal li l-emendi fil-Kostituzzjoni proposti fil-Kamra biex eventwalment iseħħu ma jkunx hemm bżonn ~~li jiġu suġġeriti~~ wkoll ~~għar~~ referendum. L-Unika ħaġa li tista' tiġi ikkonsidrata huwa l-introduzzjoni fil-Kostituzzjoni tar-referendum b'saħħa abrogattiv.

Elezzjoni tal-President

L-Onor Dom Mintoff M.P. qal li l-uniku qbil sa issa dwar l-elezzjoni tal-President kien dak li gia jinsab registrat fir-rapport preliminari. Il-każ ta' l-elezzjoni ta' President b'elezzjoni nazzjonali wara li l-metodi rakkomandati fir-rapport preliminari ifallu, ġie diskuss fit-tul.

Kunsillieri tar-Repubbli̇ka

Iċ-Chairman qal li l-Kunsillieri li kellhom jinħatru għall-kunsill ta' l-Istat kellhom jissejħu Kunsillieri tar-Repubblika. Wkoll li l-għażla kellha ssir mhux minn nies ta' esperjenza biss fil-ħajja politika imma anke minn nies prominenti fil-ħajja ~~normali~~ pubblika tal-pajjiż.

Kunsill tal-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja

Iċ-Chairman qal li l-aħjar proposta dwar il-formazzjoni tal-Kunsill tal-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja hija dik li tinstab fir-rapport preliminari.

Kumitati Permanenti

Iċ-Chairman qal ukoll li n-numru ta' dawn il-Kumitati kellu jiżdied minn erbgħa għal sitta. Dan kellu jsir billi l-Kumitat dwar affarijiet esteri kellu jiġi "detached" mill-Kumitat tas-Sigurta' Nazzjonali. Kellu jkun hemm ukoll Kumitat "ad hoc" dwar ix-Xandir u telekomunikazzjoni.

Il-Qorti Kostituzzjonali

Iċ-Chairman qal li saru sottomissjonijiet mill-imhallfin lill-Qorti Konstituzzjonali tkun preseduta minn hamsa u mhux tlett imhallfin.

Speaker

Mr Chairman qal li saru r-rakkomandazzjoni sabiex l-isem ta' l-Ispeaker kellu jiġi sottomess lill-Kunsill ta' l-Istat. L-ufficcju tal-Ispeaker kellu jkun wkoll awtonomu.

Fis-1.40 p.m. il-Kumitat aġġorna għal nhar l-Erbgħa, t-22 ta' Frar, 1989 fit-11.30 a.m.

MINUTI

Kumitat magħżul tal-Kamra tad-Deputati biex jagħmel rakkomandazzjonijiet għat-titjib fil-Kostituzzjoni ta' Malta.

(Riżoluzzjoni tal-Kamra Nru 25 mgħoddija fis-Seduta tat-13 ta' Awissu 1987)

SEDUTA NRU 28

L-Erbgħa, 22 ta' Frar, 1989

1. Il-Kumitat iltaqa' fil-Committee Room tal-Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja, l-Onor Guido de Marco, M.P. fin-12.25 p.m.

2. Membri preżenti

| | |
|---|---|
| L-Onor Guido de Marco, M.P.<br>Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja | Chairman |
| L-Onor Ugo Mifsud Bonnici, M.P.<br>Ministru ta' l-Edukazzjoni | Membru |
| L-Onor Dom Mintoff, MP | Membru |
| L-Onor Ġuże' Cassar, M.P. | Membru |
| Is-Sur Paul Muscat Terribile | Segretarju |

L-Onor Censu Tabone, M.P. il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin kien skużat.

L-Onor Ġuże' Cassar qal li kellhom jsiru dawn il-korrezzjoni fil-minuti.

REFERENDUM

It-Tielet paragrafu kellu jinqara hekk:-

"Iċ-Chairman imbagħad qal li l-emendi fil-Kostituzzjoni li jiġu proposti fil-Kamra biex eventwalment isehħu ma jkunx hemm bżonn li jiġu soġġetti wkoll għar-referendum. L-unika ħaġa li tista' tiġi ikkonsidrata huwa l-introduzzjoni fil-Kostituzzjoni tar-referendum b'saħħa abrogattiv.

Kunsillieri tar-Repubblika

Dan il-paragrafu kellu jinqara hekk:-

"Iċ-chairman qal li l-Kunsillieri li kellhom jinħatru għall-kunsill ta' l-Istat kellhom jissejħu Kunsillieri tar-Repubblika. Wkoll li l-għażla kellha ssir mhux minn fost nies ta' esperjenza biss fil-ħajja politika imma anke minn nies prominenti f'oqsma oħra fil-ħajja pubblika tal-pajjiż.

Il-Qorti Kostituzzjonali

Dan il-paragrafu kellu jinqara hekk:-

"Iċ-Chairman qal li saru sottomissjonijiet mill-imħallfin li l-Qorti Kostituzzjonali tkun **komposta** minn ħamsa u mhux tlett imħallfin.

Elezzjoni tal-President tar-Repubblika

L-Onor Ġuże' Cassar, M.P. qal li fis-Section 49 tal-Kostituzzjoni ma kienx hemm kif isiru "presidential functions during a vacancy" u anke dwar il-ħatra ta' "Acting President, meta l-Ispeaker jista' jagħmilha ta' Acting President". Diskussjoni saret ukoll dwar l-"impeachment tal-President.".

Fis-1.30 p.m. il-Kumitat aġġorna għal nhar it-Tlieta, 28 ta' Frar, 1989 fil-11.30 a.m.

MINUTI

Kumitat magħżul tal-Kamra tad-Deputati biex jagħmel rakkomandazzjonijiet għat-titjib fil-Kostituzzjoni ta' Malta

(Riżoluzzjoni tal-Kamra Nru 25 mgħoddija fis-Seduta tat-13 ta' Awissu 1987).

SEDUTA NRU 29

It-Tlieta, 28 ta' Frar, 1989

1. Il-Kumitat iltaqa' fil-Committee Room tal-Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja, l-Onor Guido de Marco, M.P. fin-12.20 p.m.

2. Membri Preżenti

| | |
|---|---|
| L-Onor Guido de Marco, M.P.<br>Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja | Chairman |
| L-Onor Censu Tabone, M.P.<br>Ministru ta' l-Affarijiet Barranin | Membru |
| L-Onor Ugo Mifsud Bonnici, M.P.<br>Ministru ta' l-Edukazzjoni | Membru |
| L-Onor Dom Mintoff, M.P. | Membru |
| L-Onor Ġuże' Cassar, M.P. | Membru |
| Is-Sur Paul Muscat Terribile | Segretarju |

"Acting President" Tar-Repubblika

l-Onor Ġuże' Cassar M.P. qal li l-paragrafu fil-minuti kellu jithassar u jidhol dan li ġej:-

L-Onor Ġuże' Cassar M.P. qal li fl-emendi fid-"draft" iċċirkolat ma kien hemm xejn dwar minn sejjer jkun "Acting President".

Iċ-Chairman irrisponda li jekk is-Select Committee jaqbel mad-"draft" dwar il-ħatra u l-poteri tal-President, l-Acting President ikun l-Ispeaker kif propost ukoll fir-rapport preliminari.

Elezzjoni tal-President tar-Repubblika

Il-Kumitat imbaghad iddiskuta 'l-mod kif kellha ssir il-ħatra u tneħhija tal-President tar-Repubblika. Id-diskussjoni tkompliet ukoll fuq il-ħatra ta' Mr Speaker.

Fis-1.45 p.m. il-Kumtat aġġorna

CHAIRMAN